**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0373/2018**

21.11.2018

# RAPPORT

dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet umani u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni
(2018/2098(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Petras Auštrevičius

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ............................... 3

ANNEX II: LIST OF RESOLUTIONS ..................................................................... 44

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI................................................................................................................ 48

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 57

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 58

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet umani u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni**
**(2018/2098(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– – wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR), adottati fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tan-NU,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015, u l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tiegħu ta' Ġunju 2017,

– wara li kkunsidra s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs) u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, adottati fl-1976 u riveduti fl-2011,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika tal-11 ta' Mejju 2011 (Konvenzjoni ta' Istanbul), li l-UE ffirmat fit-13 ta' Ġunju 2017,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u dwar il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bit-titolu "Gender Equality and Women's Empowerment: Transforming the Lives of Girls

and Women through EU External Relations 2016-2020" (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: it-Trasformazzjoni tal-Ħajjiet ta' Bniet u Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020), adottat fl-2015 (SWD(2015)0182),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325 (2000), 1820 (2008), 1888 (2009), 1889 (2009), 1960 (2010), 2106 (2013), 2122 (2013) u 2242 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2250 (2015) u 2419 (2018) dwar iż-żgħażagħ, il-paċi u s-sigurtà,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1820 (2008) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li tindirizza l-vjolenza sesswali f'termini ta' delitt tal-gwerra,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini fit-28 ta' Ġunju 2016, kif ukoll l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bit-titolu "Minn Viżjoni Kondiviża għal Azzjoni Komuni: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali", ippubblikat fl-2017,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Popli Indiġeni, adottati fil-15 ta' Mejju 2017,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/444/PESK[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dokument ta' eżitu tal-25 ta' Settembru 2014 tal-laqgħa plenarja ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali magħrufa bħala l-Konferenza Dinjija dwar il-Popli Indiġeni,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-19 ta' Settembru 2016,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 69/167 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tat-18 ta' Diċembru 2014, li ttenni l-ħtieġa għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tal-migranti kollha, ikun xi jkun l-istatus tal-migranti, u tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom tal-1990;

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 67/139 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-20 ta' Diċembru 2012, li stabbiliet il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar it-Tixjiħ b'mandat

[1] ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56.

biex jikkunsidra proposti għal strument legali internazzjonali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u d-dinjità ta' persuni anzjani;

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Espert Indipendenti dwar it-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Anzjani fit-33 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-8 ta' Lulju 2016,[1]

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ fit-tmien sessjoni ta' ħidma tiegħu tat-28 ta' Lulju 2017,[2]

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Lisbona tal-2017 bit-titolu "Soċjetà Sostenibbli għall-etajiet kollha: It-twettiq tal-potenzjal ta' ħajja itwal", adottata fir-raba' Konferenza Ministerjali dwar it-Tixjiħ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) fit-22 ta' Settembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tat-13 ta' Mejju 2015 (COM(2015)0240) u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2016)0385),

– wara li kkunsidra s-sett ta' linji gwida tematiċi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, adottati mill-Kunsill fl-2014,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni ta' Konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL), adottati fl-2005 u riveduti fl-2009[3],

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, adottati fl-2007 u riveduti fl-2017, kif ukoll is-"Sett ta' Għodod tal-UE u l-UNICEF għad-Drittijiet tat-Tfal: L-Integrazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp";

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill fl-2013,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Yogyakarta ("Il-Prinċipji u l-Obbligi tal-Istat dwar l-Applikazzjoni tad-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess"), adottati f'Novembru 2006, u l-10 prinċipji komplementari tagħhom ("plus 10") adottati fl-10 ta' Novembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta'

[1] A/HRC/33/44.
[2] A/AC.278/2017/2.
[3] ĠU C 303, 15.12.2009, p. 12.

reliġjon jew ta' twemmin, adottati mill-Kunsill fl-2013,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Il-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp: "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna"", adottata mill-Kunsill, mill-Parlament u mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2017,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, adottati mill-Kunsill fl-2013,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, adottati fl-2001 u riveduti fl-2012,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2018 bit-titolu "Lejn strateġija esterna tal-UE kontra ż-żwiġijiet prekoċi u furzati - il-passi li jmiss"[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2017 dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (COM(2017)0728),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti[2],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt u r-Responsabbiltà ta’ Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Universalment Rikonoxxuti (Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem) ta' Diċembru 1998,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli[3],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Popli Indiġeni u Tribali, adottata fis-27 ta' Ġunju 1989,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar "L-esportazzjoni tal-armi: implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK"[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta[5], u r-rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-Kwistjonijiet tal-Minoranzi tat-28 ta' Jannar 2016 dwar il-minoranzi u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta, u l-Istrument ta' Gwida tan-NU dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-dixxendenza,

[1] Testi Adottati, P8_TA(2018)0292.
[2] Testi Adottati, P8_TA(2018)0201.
[3] ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1.
[4] ĠU C 75, 26.2.2016, p. 111.
[5] ĠU C 181, 19.5.2016, p. 69.

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2017,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2016 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni[1], u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fl-2017,

– wara li kkunsidra l-Premju Sakharov tiegħu għal-Libertà tal-Ħsieb, li fl-2017 ingħata lill-Oppożizzjoni Demokratika fil-Venezwela: l-Assemblea Nazzjonali (Julio Borges) u l-priġunieri politiċi kollha kif elenkati mill-Foro Penal Venezolano, irrappreżentati minn Leopoldo López, Antonio Ledezma, Daniel Ceballos, Yon Goicoechea, Lorent Saleh, Alfredo Ramos u Andrea González,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u tħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI[3], wara li kkunsidra l-ħidma tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (TERR), li l-Parlament Ewropew iddeċieda li jistabbilixxi fis-6 ta' Lulju 2017, u li nħatar fl-14 ta' Settembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0373/2018),

A. billi r-rispett, il-promozzjoni, l-indiviżibbiltà u s-salvagwardja tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-promozzjoni tal-prinċipji u valuri demokratiċi inkluż l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-prinċipji tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà, huma l-pedamenti tal-*acquis* etiku u legali tal-UE u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tagħha, kif ukoll tal-azzjoni esterna kollha tagħha; billi l-UE għandha tkompli tistinka biex tkun l-attur globali ewlieni fil-promozzjoni u l-protezzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-livell ta' kooperazzjoni multilaterali, b'mod partikolari permezz ta' rwol attiv u kostruttiv f'diversi korpi tan-NU u f'konformità mal-Karta tan-NU, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mad-dritt internazzjonali, kif ukoll mal-obbligi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u mal-impenji li ttieħdu fl-ambitu tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli;

[1] Testi adottati, P8_TA(2017)0494.
[2] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[3] ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6.

B. billi s-soċjetà ċivili tiżvolġi rwol importanti fil-bini u t-tisħiħ tad-demokrazija, fl-iskrutinju tas-setgħa tal-istat u fil-promozzjoni tal-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabbiltà; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiżvolgu rwol kruċjali bħala forza vitali fis-soċjetà; billi hemm rabta bejn soċjetà ċivili dgħajfa, spazju politiku u ċiviku ristrett, livell ogħla ta' korruzzjoni, inugwaljanzi soċjali u bejn is-sessi, livelli baxxi ta' żvilupp tal-bniedem, soċjali u ekonomiċi, kif ukoll kunflitti soċjali; billi jridu jsiru disponibbli riżorsi adegwati u jintużaw bl-aktar mod effiċjenti sabiex tissaħħaħ il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-pajjiżi terzi, u s-soċjetà ċivili ma għandhiex tiġi mxekkla minn liġijiet restrittivi, limiti fuq il-finanzjament, proċeduri ta' liċenzjar restrittivi jew taxxi projbittivi;

C. billi bosta pajjiżi fid-dinja qegħdin jaffaċċjaw impunità u inġustizzja, u joffru livell mhux adegwat ta' trattament effettiv, ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u assistenza finanzjarja għall-vittmi tat-terroriżmu, b'mod partikolari f'dawk il-pajjiżi li parti kbira mill-popolazzjoni tagħhom ħabbtet wiċċha mat-terroriżmu;

D. billi fl-2017, għadd kbir ħafna ta' atturi tas-soċjetà ċivili, fosthom avukati, intellettwali, ġurnalisti, personalitajiet reliġjużi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attivisti ambjentali, madwar id-dinja ħabbtu wiċċhom ma' tnaqqis tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u kienu soġġetti għal żieda ta' attakki, persekuzzjoni, fastidju, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji u saħansitra qtil; billi ProtectDefenders.eu, il-mekkaniżmu ta' appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE, ipprovda assistenza effettiva lil mijiet ta' attivisti, iżda qiegħed jaffaċċja ħtiġijiet li dejjem qed jikbru; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiddedikaw aktar riżorsi għal parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili u jżidu l-isforzi tagħhom fil-protezzjoni u l-appoġġ tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

E. billi l-politiki ta' appoġġ favur id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandhom jiġu integrati fil-politiki kollha tal-UE li għandhom dimensjoni esterna, bħall-iżvilupp, il-migrazzjoni, is-sigurtà, l-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tkabbir u l-kummerċ, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet tad-drittijiet tal-bniedem; billi ż-żieda fil-koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE, kif ukoll fost il-politiki esterni minnhom infushom, hija rekwiżit fundamentali għal politika effikaċi u ta' suċċess tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

F. billi l-okkupazzjoni illegali ta' territorju jew parti minnu hija ksur kontinwu tad-dritt internazzjonali, li tiskatta r-responsabbiltà tas-setgħa okkupanti lejn il-popolazzjoni ċivili skont id-dritt umanitarju internazzjonali;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jesprimi tħassib profond dwar r-reazzjoni negattiva kontra d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt madwar id-dinja fl-2017, u jħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha jsegwu l-integrazzjoni tal-istandards Ewropej u internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi li huma marbutin bihom, u jiżguraw aktar koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u aktar koordinazzjoni bejn il-politiki esterni tal-Istati Membri, fl-oqsma tal-migrazzjoni, tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-kummerċ, minħabba li l-influwenza tal-UE bħala attur internazzjonali kredibbli u leġittimu hija ffurmata fil-parti l-kbira tagħha mill-kapaċità tagħha li

tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kemm internament kif ukoll esternament;

2. Jafferma mill-ġdid li l-Istati għandhom ir-responsabbiltà aħħarija li jissalvagwardjaw id-drittijiet kollha tal-bniedem permezz tal-adozzjoni u tal-implimentazzjoni ta' trattati u konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-monitoraġġ tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-garanzija ta' rimedju effettiv għall-vittmi; jirrimarka li l-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp isaħħu lil xulxin u jiddependu mill-kapaċità li jiġu indirizzati l-abbuż, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u l-ġenoċidju; iwissi kontra restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, il-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' espressjoni;

3. Ifakkar li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-UE u tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tat-TUE, u li l-promozzjoni tagħha permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż f'pajjiżi oħra madwar id-dinja permezz ta' politiki esterni, hija wieħed mill-objettivi prinċipali tal-UE;

4. Jenfasizza li l-UE hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha, li hija obbligu stabbilit fit-Trattati, sabiex l-ugwaljanza bejn is-sessi ssir prijorità ewlenija fil-linji gwida, fir-relazzjonijiet ta' ħidma, fil-politiki u fl-azzjonijiet kollha tal-UE, inklużi l-azzjonijiet esterni; jappoġġja, għaldaqstant, l-isforzi kkoordinati relatati mad-djalogi u l-attivitajiet multilaterali tad-delegazzjonijiet tal-UE bħall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ħidma tal-Konsulent Prinċipali tas-SEAE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-pajjiżi terzi, bl-għan li jippromwovi l-paċi, is-sigurtà u l-libertajiet fundamentali, billi jiżgura baġit speċifikament iddedikat għall-qasam tal-kompetenzi tiegħu;

5. Iqis li soċjetà ċivili verament indipendenti, pluralistika u dinamika tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-istabbiltà, tiżgura l-konsolidazzjoni demokratika, inklużi s-separazzjoni tas-setgħat, il-ġustizzja soċjali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u tippromwovi t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-governanza tajba, b'mod partikolari permezz ta' miżuri biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-estremiżmu; jenfasizza r-rwol vitali u ċentrali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-NGOs fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-applikazzjoni tad-drittijiet minquxa fit-trattati internazzjonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' programmi edukattivi u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali; jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-kapaċità tal-UE li tkompli tagħti appoġġ adegwat, permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-NGOs f'sitwazzjonijiet fejn huma l-aktar f'riskju, b'mod partikolari billi tiżgura t-tisħiħ tal-kapaċità tal-mekkaniżmu ProtectDefenders.eu;

6. Jinnota l-importanza li jingħata appoġġ ta' emerġenza lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u li t-trattament tal-priġunieri kollha jrid jissodisfa l-istandards internazzjonali; jissottolinja t-tħassib tiegħu dwar is-sikurezza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u li l-awturi jridu jitressqu quddiem il-ġustizzja; jilqa' l-isforzi konsistenti tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija biex jippromwovi d-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE; jirrikonoxxi r-

riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa li jħabbtu wiċċhom ma' riskji u theddid speċifiċi minħabba l-ġeneru tagħhom, kif ukoll attivisti ambjentali, u jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jagħtuhom attenzjoni speċjali fil-Linji Gwida tal-UE swar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem; jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tal-UE dwar l-involviment mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi rigward id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, u jfaħħar l-inizjattivi individwali tal-Istati Membri flimkien mal-azzjoni tal-UE;

7. Jilqa' l-parteċipazzjoni attiva tal-UE fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHRC), fejn hija sponsorjat u kosponsorjat riżoluzzjonijiet, ħarġet dikjarazzjonijiet, intervjeniet fi djalogi u dibattiti interattivi, u talbet sessjonijiet speċjali dwar is-sitwazzjoni rigward id-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi l-impenji tal-UE biex fil-UNHRC tindirizza sitwazzjonijiet li jkunu jinsabu fihom il-pajjiżi; jenfasizza l-importanza tal-involviment tal-UE fid-djalogi u l-kooperazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem f'livell multilaterali; jappoġġa b'mod sħiħ l-attivitajiet u l-involviment tal-UNHRC fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifaħħar il-ħidma tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) taħt it-tmexxija ta' Zeid al-Hussein; jinsab ħerqan għal djalogu mill-qrib u kooperazzjoni attiva mal-Kummissarju Għoli li għadu kif inħatar, Michelle Bachelet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom għall-funzjonament tal-OHCHR u tal-Proċeduri Speċjali;

8. Jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn il-ħidma mwettqa mis-servizzi tad-drittijiet tal-bniedem tal-Kummissjoni u tas-SEAE fil-kwartieri ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem (RSUE), Stavros Lambrinidis, fiż-żieda fl-effikaċja, il-koeżjoni u l-viżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika estera tal-UE, u jerġa' jfakkar it-talba tiegħu biex il-mandat tiegħu jsir permanenti u jsir aktar responsabbli; jilqa' l-approċċ reċenti rrappreżentat mill-Inizjattiva "Good Human Rights Stories" (Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) tal-UE, li jiffoka fuq l-aħjar prattiki użati minn diversi pajjiżi; jitlob għal darb'oħra li jkun hemm reviżjoni tal-mandat sabiex r-RSUE jingħata setgħat ta' inizjattiva proprja, riżorsi adegwati u l-kapaċità li jitkellem pubblikament sabiex jirrapporta dwar il-kisbiet ta' żjarat f'pajjiżi terzi u jikkomunika l-pożizzjonijiet tal-UE dwar suġġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

9. Jilqa' r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2017 u jinnota li dan ġie adottat ħafna aktar kmieni din is-sena, f'konformità tat-talbiet tal-Parlament espressi fir-rapporti preċedenti tiegħu; jitlob lill-Kunsill ikompli bl-isforzi tiegħu biex jiffinalizza dawn ir-rapporti annwali aktar kmieni matul is-sena; jinkoraġġixxi lill-Kunsill jiżgura li l-adozzjoni tar-rapport annwali li jmiss tkun ibbażata fuq proċess ta' konsultazzjoni adegwat; iqis li r-rapport annwali għandu jkun għodda indispensabbli għall-iskrutinju, il-komunikazzjoni u d-dibattitu dwar il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja, u jitlob sabiex ir-rapport annwali jiġi promoss pubblikament fil-livell globali;

10. Jirrikonoxxi l-progress li sar f'termini tal-proċedura u l-format tar-rapport, madankollu, jistenna li l-Kunsill u l-VP/RGħ iqisu aktar il-pożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet u/jew ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Parlament sabiex tiġi żgurata interazzjoni aktar

profonda u aktar effikaċi bejn l-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

11. Itenni l-importanza ta' ħarsa ġenerali lejn xejriet pożittivi u negattivi ewlenin sabiex tiġi evalwata l-effiċjenza tal-azzjonijiet tal-UE; iqis, f'dan is-sens, li rapportar pubbliku aktar bir-reqqa, fejn xieraq ibbażat b'mod partikolari fuq il-prijoritajiet u l-indikaturi identifikati fl-istrateġiji tal-pajjiż tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, fost oħrajn, iħeġġeġ konsistenza akbar fl-implimentazzjoni tal-klawżoli ta' kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem u fil-valutazzjoni u l-aġġustament tal-impatt tal-politiki tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati u implimentati bis-sħiħ il-Linji Gwida eżistenti tal-UE;

12. Jirrikonoxxi li d-Djalogi tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jikkostitwixxu għodda ta' diplomazija siewja u mħallta għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija f'relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi terzi; jinnota, madankollu, l-ostakoli persistenti għall-kisba ta' riżultati konkreti permezz ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-prevalenza ta' standards doppji, u jappella f'dan ir-rigward għal pożizzjoni aktar unifikata fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jfittxu modi biex jagħmlu d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem aktar effikaċi u sinifikanti u biex jirreaġixxu malajr u jikkomplementawhom meta ma jkunux kostruttivi, billi jużaw id-djalogu politiku jew id-diplomazija pubblika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżidu t-trasparenza fid-djalogi, anke permezz tal-parteċipazzjoni msaħħa tal-atturi tas-soċjetà ċivili, u jużaw punti ta' riferiment ċari għall-finijiet tal-evalwazzjoni tas-suċċess ta' kull djalogu; jenfasizza l-importanza li l-UE tqajjem fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem il-każijiet ta' difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju, filwaqt li ssir pressjoni għall-ħelsien tad-difensuri li qegħdin il-ħabs u l-protezzjoni ta' dawk li huma mhedda; jagħti parir lill-istituzzjonijiet tal-UE, barra minn hekk, biex jipprovdu riżorsi u taħriġ adegwati dwar id-drittijiet tal-bniedem għal uffiċjali u persunal tad-delegazzjoni tal-UE fil-livelli kollha;

13. Itenni li l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2017 tiegħu jridu jkunu l-istrumenti ta' gwida għal azzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu ppjanati riżorsi u għarfien espert suffiċjenti sabiex jiġu implimentati kif suppost il-prijoritajiet ewlenin tal-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti u koerenti tal-Pjan ta' Azzjoni attwali, anke permezz ta' kollaborazzjoni ġenwina mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

14. Jistieden lill-UE ssaħħaħ l-istrumenti u l-politiki tagħha fir-rigward tal-iżvilupp istituzzjonali u l-istat tad-dritt, u tinkludi punti ta' riferiment għall-iżgurar tar-responsabbiltà u tfittex li tipprevjeni l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob l-użu effettiv ta' riżorsi adegwati biex jiġu promossi ulterjorment id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

15. Ifakkar, f'dan ir-rigward, l-appoġġ kruċjali pprovdut mill-EIDHR fl-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-UE u l-Linji Gwida u l-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tagħha, li ppermetta lill-UE taġixxi b'mod aktar strateġiku f'dan il-qasam u żgura r-responsabbiltà,

il-viżibbiltà u l-effikaċja; jappella b'mod qawwi li l-EIDHR tkun inkluża bħala strument separat u indipendenti fl-arkitettura tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, sabiex id-diversità ċara tagħha ma tiġix dilwita f'fond ta' azzjoni esterna ikbar; jħeġġeġ bil-qawwa l-kooperazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE, biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-trikkib u jkunu jistgħu jiġu identifikati l-lakuni potenzjali u l-ħtiġijiet ta' finanzjament;

16. Ifakkar li l-esperjenza miksuba u t-tagħlimiet meħuda mit-tranżizzjoni għal demokrazija fil-qafas tal-politika ta' tkabbir u tal-viċinat jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jintużaw għall-appoġġ u l-konsolidament ta' proċessi oħrajn ta' demokratizzazzjoni mad-dinja kollha; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-politika Ewropea tal-viċinat riveduta għandha tappoġġa riforma ekonomika, soċjali u politika, tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u tgħin biex jiġi stabbilit l-istat tad-dritt filwaqt li jinżammu l-impenji tal-UE meħuda fil-konfront tas-sħab tagħha; itenni li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma fl-interess tal-pajjiżi sħab kif ukoll tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar relazzjonijiet interparlamentari bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab tagħha f'qafas ta' djalogu onest msejjes fuq il-fehim u fiduċja reċiproċi, bl-għan li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem b'mod effettiv;

17. Jenfasizza l-ħidma tas-Sottokumitat tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem (DROI), li jżomm relazzjonijiet ta' ħidma mill-qrib ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, l-RSUE, is-SEAE, is-soċjetà ċivili inkluż l-NGOs, u istituzzjonijiet multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinnota li fl-2017, is-Sottokumitat DROI abbozza tliet rapporti li ġew adottati bħala riżoluzzjonijiet minn seduta plenarja dwar l-apolidija fin-Nofsinhar u fix-Xlokk tal-Asja[1], dwar l-indirizzar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità, inkluż il-ġenoċidju[2], u dwar korruzzjoni u drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[3];

18. Jipproponi li, fl-ewwel trimestru tal-2019, tiġi varata task force interna biex twettaq rieżami tal-promozzjoni u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem mill-kumitati tagħha b'mandat estern u mid-delegazzjonijiet tagħha għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi matul il-perjodu 2014–2019; biħsiebu jislet rakkomandazzjonijiet minn dan ir-rieżami għal azzjoni parlamentari msaħħa fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-leġiżlatura li jmiss, inkluż f'termini ta' skrutinju tal-attività tas-SEAE u tal-Kummissjoni, l-istruttura istituzzjonali interna, u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-korpi tiegħu;

19. Jemmen li r-rwol tar-riżoluzzjonijiet ta' urġenza bbażati fuq l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura, jista' jiġi żviluppat aktar biex isaħħaħ id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija permezz ta' aktar riflessjoni, azzjoni mmirata u effiċjenza f'waqthom;

***L-isfidi speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem***

20. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu rigward it-tnaqqis gradwali tal-ispazju tas-soċjetà ċivili fl-2017, u jiddeplora l-fatt li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-NGOs huma ħafna drabi l-mira tal-fastidju, l-intimidazzjoni u l-vjolenza, inkluż qtil; jinsab

[1] Testi adottati, P8_TA(2017)0247.
[2] Testi adottati, P8_TA(2017)0288;
[3] Testi adottati, P8_TA(2017)0346;

imħasseb dwar l-impożizzjoni kontinwa ta' projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fil-konfront ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem li jixtiequ jattendu sessjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ġinevra u istituzzjonijiet internazzjonali oħra, u jikkundanna bil-qawwa dawn il-projbizzjonijiet, filwaqt li jitlob lill-gvernijiet involuti jneħħuhom; jenfasizza li mhuwiex aċċettabbli li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-midja jinżammu milli jipparteċipaw fil-ħidma ta' korpi internazzjonali, u jinsisti li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u politiċi tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; jinsab imħasseb dwar il-fatt li xi attivisti tad-drittijiet tal-bniedem ġew miżmuma mar-ritorn tagħhom f'pajjiżhom wara li ġew mismugħa f'istituzzjonijiet internazzjonali;

21. Jiddeplora l-fatt li l-fenomenu globali dejjem jikber tat-tnaqqis tal-ispazju tas-soċjetà ċivili jista' jseħħ ukoll f'demokraziji stabbiliti u f'pajjiżi bi dħul medju u għoli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jmexxu bl-eżempju; jikkundanna l-leġiżlazzjoni li tillimita l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili, pereżempju l-għeluq tal-NGOs jew l-iffriżar tal-assi tagħhom; jappella għar-revoka tal-leġiżlazzjoni li timponi rekwiżiti arbitrarji jew intrużivi fuq l-operazzjonijiet tal-NGOs, inklużi dispożizzjonijiet dwar restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani; jikkundanna t-tixrid ta' narrattivi pubbliċi li jimminaw dejjem aktar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-UE u lir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istat Membri jkomplu jimmonitorjaw u jqajmu każijiet ta' ksur tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, inkluż permezz ta' forom differenti ta' projbizzjonijiet u limitazzjonijiet fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-attivitajiet tagħhom jew il-promozzjoni ta' NGOs foloz sponsorjati minn xi gvernijiet; iħeġġiġhom ikomplu jappoġġaw b'mod attiv lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem billi jimmonitorjaw b'mod sistematiku l-proċessi, iżuru lill-attivisti miżmuma l-ħabs u joħorġu dikjarazzjonijiet dwar każijiet individwali, meta jkun meħtieġ;

22. Jikkundanna l-fatt li l-libertà tal-midja kienet mhedda bil-kbir fl-2017, fejn, skont l-indiċi annwali ta' Reporters mingħajr fruntieri, attakki kontra l-istampa laħqu livelli mingħajr preċedent fl-2017; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati l-prinċipji tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; itenni l-importanza tal-libertà tal-espressjoni, online u offline, bħala element kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-komunitajiet demokratiċi, billi trawwem kultura ta' pluraliżmu li tagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili u liċ-ċittadini li jżommu responsabbli lill-gvernijiet tagħhom u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għal għemilhom, u ssaħħaħ ir-rispett tal-istat tad-dritt; jikkundanna b'mod qawwi t-theddid, l-intimidazzjoni u l-attakki kontra ġurnalisti, midja indipendenti, bloggers u informaturi, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda, il-liġijiet dwar il-malafama u inċitamenti għal vjolenza, billi dawn jikkostitwixxu theddida għall-istat tad-dritt u l-valuri rrappreżentati mid-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li fl-2017 mijiet ta' demostranti paċifiċi u ġurnalisti ġew arrestati, ħafna minnhom maltrattati, miżmuma b'mod arbitrarju u mġiegħla jħallsu multi ħorox fi proċessi fejn l-istandards minimi proċedurali ma kinux garantiti; iħeġġeġ lill-UE żżid l-isforzi tagħha biex tipproteġi d-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni fir-relazzjonijiet kollha tagħha ma' pajjiżi terzi; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni effikaċi u sistematika tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline u li jsir monitoraġġ regolari tal-impatt tagħhom;

23. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-libertà akkademika, bħala dritt tal-bniedem

imħares minn trattati internazzjonali; jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe attakk fuq il-libertà akkademika bħal qtil, għajbien sfurzat, vjolenza, priġunerija, waqfien mix-xogħol, attakk fuq ir-reputazzjoni u prosekuzzjoni mhux ġustifikata; jenfasizza l-gravità tal-attakki kollha fuq il-libertà akkademika, peress li hija essenzjali għall-ħolqien ta' soċjetà pluralistika u demokratika;

24. Jikkundanna b'mod qawwi l-fatt li bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem iffaċċjaw theddid diġitali fl-2017, inkluż data kompromessa permezz tal-konfiska tat-tagħmir, is-sorveljanza mill-bogħod u l-iżvelar tad-data; jikkundanna l-prattika ta' sorveljanza u hacking online għall-finijiet ta' ġbir ta' informazzjoni li tista' tintuża f'każijiet legali jew kampanji ta' malafama; jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar l-użu dejjem akbar ta' ċerti teknoloġiji ta' ċibersorveljanza b'użu doppju fil-konfront ta' politikanti, attivisti, bloggers u ġurnalisti; f'dan ir-rigward, jistieden bil-qawwa lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaġġornaw b'mod urġenti u effikaċi r-regolament dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju;

25. Jafferma mill-ġdid li l-indipendenza tal-ġudikatura u t-trasparenza assoluta tas-sistema għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja li fiha l-operaturi kollha huma mitluba jwettqu r-rwoli tagħhom b'mod indipendenti u rigoruż huma prerekwiżiti għall-iżvilupp ta' stat demokratiku u għall-protezzjoni ġuridika tad-drittijiet tal-bniedem; jikkundanna bis-sħiħ it-tentattivi kollha biex jitpoġġew restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-imħallfin, tal-prosekuturi pubbliċi u tal-avukati, u kull forma ta' vjolenza diretta u indiretta fil-konfront tagħhom; jistieden lill-UE tagħti l-akbar attenzjoni lil dan il-punt fil-kuntest tar-relazzjonijiet diplomatiċi tagħha ma' pajjiżi mhux membri tal-Unjoni;

26. Jirrikonoxxi li l-internet miftuħ u avvanzi teknoloġiċi ppermettew li l-abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem jiġu rrapportati b'mod aktar mgħaġġel; jikkritika t-tentattivi minn xi gvernijiet biex jiġu kkontrollati għodod ta' komunikazzjoni bil-massa, inkluż permezz tal-internet; jinsab imħasseb dwar il-prevalenza ta' aħbarijiet foloz u diżinformazzjoni ġġenerati minn atturi statali u mhux statali fl-2017, li kkontribwixxew għat-tixrid ta' narrattivi kontra d-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess limitat għal informazzjoni b'xejn, preċiża u imparzjali, l-inċitament tal-vjolenza, il-mibegħda jew id-diskriminazzjoni kontra ċerti gruppi jew individwi, u affettwaw ir-riżultati ta' elezzjonijiet, b'hekk imminaw id-demokraziji; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-UE tiżviluppa narrattiva pożittiva aktar b'saħħitha dwar id-drittijiet tal-bniedem, iżżomm soda fil-konfront ta' gvernijiet li jisponsorjaw id-diżinformazzjoni jew li jisfidaw l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, u żżid l-isforzi tagħha biex tappoġġa l-midja ħielsa u indipendenti madwar id-dinja; jenfasizza ċ-ċentralità tal-edukazzjoni, il-kultura, l-għarfien u l-ħsieb kritiku fil-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz u l-propagazzjoni tagħhom;

27. Jappella lill-VP/RGħ taħtar rappreżentant tal-UE għaċ-ċibersigurtà li għandu jikkoordina l-isforzi diplomatiċi tal-UE biex tippromwovi, fil-politiki esterni tagħha, internet miftuħ, interoperabbli, sigur u affidabbli, li fih jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem u jiġu promossi normi dwar l-imġiba responsabbli online min-naħa tal-Istati;

28. Jafferma mill-ġdid li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin, inkluża l-libertà li dak li jkun jemmen jew ma jemminx, u li jipprattika jew li ma jipprattikax ir-reliġjon li jagħżel, li jabbanduna jew ibiddel reliġjon, u d-drittijiet ta' apostasija u li

wieħed iħaddan fehmiet ateistiċi, iridu jissaħħu mingħajr kundizzjonijiet, partikolarment bis-saħħa tad-djalogu interreliġjuż u interkulturali; jikkundanna d-diskriminazzjoni abbażi tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, u l-persekuzzjoni u l-attakki kontra l-gruppi etniċi u reliġjużi kollha fl-2017; jappella biex tiġi evitata l-istrumentalizzazzjoni tar-reliġjon għal finijiet politiċi; jiddeplora t-tentattivi minn atturi statali u mhux statali biex jillimitaw il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin u l-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-espressjoni billi jadottaw u jimplimentaw liġijiet dwar il-blasfemija, fost mezzi oħra; jitlob li tittieħed aktar azzjoni biex jiġu mħarsa l-minoranzi reliġjużi, il-persuni li ma jemmnux u l-atei, inkluż il-vittmi tal-liġijiet dwar il-blasfemija; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-involviment tagħhom fid-diskussjonijiet politiċi dwar it-tħassir ta' tali liġijiet, iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu r-rispett tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin, u jippromwovu d-djalogu interreliġjuż u interkonfessjonali fl-impenn tagħhom ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jaqdu rwol attiv biex jgħinu r-ritorn b'mod sikur u fuq bażi volontarja ta' persuni li ġew sfurzati jaħarbu minn djarhom b'riżultat tal-persekuzzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin; jitlob li tittieħed azzjoni konkreta lejn l-implimentazzjoni effikaċi tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jappoġġa l-prattika tal-UE li tieħu l-inizjattiva dwar riżoluzzjonijiet tematiċi dwar il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u t-twemmin fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC) u fl-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU); jappoġġa l-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin barra mill-UE, is-Sur Ján Figel;

29. Iqis li huwa ta' dispjaċir kbir li t-tortura, it-trattament inuman jew degradanti u l-piena tal-mewt jibqgħu jiġu applikati f'ħafna pajjiżi tad-dinja kollha, u jappella lill-UE tintensifika l-isforzi tagħha biex teqred dawn il-prattiki; iqis li l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, inkluż l-aċċess għall-kura u għall-mediċini, u l-istat tal-ħabsijiet f'għadd ta' pajjiżi huma kwistjonijiet ta' tħassib serju; jilqa' t-tnedija formali tal-Alleanza għall-Kummerċ Ħieles mit-Tortura fit-18 ta' Settembru 2017 u l-istabbiliment tal-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura tal-UE, li ngħata l-kompitu li jsegwi l-implimentazzjoni tagħha; jilqa', f'dan ir-rigward, aġġornamenti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kummerċ f'ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament inuman jew kastig ieħor; jinnota li fl-2017, in-numru ta' eżekuzzjonijiet imwettqa madwar id-dinja naqas b'4 % meta mqabbel mas-sena preċedenti; jistieden lill-pajjiżi li għadhom m'għamlux dan biex jistabbilixxu moratorju immedjat fuq il-piena tal-mewt bħala pass lejn l-abolizzjoni tagħha; iqis li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin tad-detenuti, inkluża t-tortura psikoloġika, u biex jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti u jiġi żgurat il-kumpens għall-vittmi;

30. Jikkundanna bil-qawwa d-delitti faħxin kollha u l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem kommessi minn atturi statali u mhux statali, inkluż kontra ċittadini li kienu qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet tal-bniedem tagħhom b'mod paċifiku; jinsab imwaħħax quddiem il-firxa wiesgħa ta' delitti mwettqa, fosthom qtil, tortura, stupru, tjassir u skjavitù sesswali, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal, konverżjonijiet reliġjużi furzati u qtil sistematiku fil-konfront tal-minoranzi reliġjużi u etniċi; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiġġieldu kontra delitti ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra, u biex jiżguraw li l-awturi tagħhom jitressqu quddiem il-ġustizzja; jappella lill-UE tipprovdi

appoġġ lill-organizzazzjonijiet u lill-iskwadri investigattivi tan-NU li jiġbru, iżommu u jipproteġu evidenza – diġitali jew mod ieħor – tad-delitti mwettqa minn kwalunkwe parti f'dawn il-kunflitti, sabiex tiġi ffaċilitata l-prosekuzzjoni tagħhom f'livell internazzjonali; jinnota li l-pjattaformi tal-internet ħassru filmati relatati ma' delitti tal-gwerra potenzjali bħala parti mill-ħidma tagħhom li jneħħu kontenut u propoganda terroristiċi;

31. Jappoġġa r-rwol ewlieni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) f'każijiet fejn l-Istati kkonċernati ma jkunux jistgħu jew ma jkunux lesti jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ diplomatiku u finanzjarju lill-QKI; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jħeġġu lill-Istati Membri kollha tan-NU jirratifikaw u jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma tal-QKI, u jinsab diżappunt dwar l-irtirar mill-Istatut u t-theddid li partijiet jagħmlu dan; jistieden ukoll lill-firmatarji kollha tal-Istatut ta' Ruma biex jikkoordinaw u jikkooperaw mal-QKI; jistieden lill-Istati Membri kollha jirratifikaw l-emendi ta' Kampala dwar id-delitt ta' aggressjoni u jżidu d-"delitti atroċi" fil-lista tar-reati li għalihom hija kompetenti l-UE; itenni l-importanza ta' mekkaniżmi ewlenin oħra li għandhom l-għan li jtemmu l-impunità, inkluż l-użu tal-ġurisdizzjoni universali, u jistieden lill-Istati Membri jadottaw il-leġiżlazzjoni meħtieġa; ifakkar, f'dan ir-rigward, li d-drittijiet tal-vittmi jridu jkunu fil-qalba ta' kwalunkwe azzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-VP/RGħ biex taħtar Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u l-Ġustizzja Internazzjonali bil-mandat li jippromwovi, jintegra u jirrappreżenta l-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra l-impunità;

32. Jilqa' pożittivament l-isforzi tal-UE maħsuba biex isostnu l-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzjali u Indipendenti (MIII) stabbilit min-NU fis-Sirja biex jassisti fl-investigazzjoni dwar id-delitti l-aktar serji; jenfasizza l-ħtieġa li jitwaqqaf mekkaniżmu indipendenti simili f'pajjiżi oħra; jappella lill-UE u lill-Istati Membri li għadhom ma kkontribwewx finanzjarjament għall-MIII biex jagħmlu dan;

33. Itenni li Stati jistgħu jressqu Stati oħra quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja għal ksur ta' trattati internazzjonali, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat bħala mezz indirett għal determinazzjoni ġudizzjarja ta' responsabbiltà kriminali individwali fi stadju aktar tard;

34. Jesprimi dispjaċir profond dwar in-nuqqas ta' rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL), u jesprimi l-kundanna qawwija tiegħu għall-attakki fatali li twettqu bi frekwenza tant allarmanti kontra sptarijiet, skejjel u persuni ċivili oħra fil-mira f'kunflitti armati madwar id-dinja fl-2017; jemmen li l-kundanna internazzjonali tal-attakki trid tiġi appoġġata minn investigazzjonijiet indipendenti u responsabbiltà ġenwina; ifaħħar il-ħidma li saret minn ħaddiema ta' assistenza waqt l-għoti ta' għajnuna umanitarja; jappella lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-VP/RGħ jiżguraw li l-politiki u l-azzjonijiet tal-UE relatati mal-IHL jiġu żviluppati b'mod koerenti u effettiv, u biex jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jindirizzaw din il-kwistjoni; jikkonkludi li kellu jsir disponibbli rapportar aktar dettaljat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar il-Promozzjoni ta' Konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali f'sitwazzjonijiet speċifiċi ta' kunflitti, mhux l-inqas ir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jistieden lill-komunità internazzjonali toħloq strumenti li jimminimizzaw l-intervall bejn it-twissija u r-reazzjoni, bħas-sistema ta' twissija bikrija tal-UE, sabiex

jiġi evitat li l-kunflitti vjolenti jfeġġu, ifeġġu mill-ġdid u jeskalaw; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp; jinnota t-tnaqqis ta' 2,4 % fl-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) minn 2016 sal-2017 u li l-ODA ma laħqitx il-mira ta' 0,7 % tal-ING;

35. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar l-użu ta' drones armati[1], jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-użu ta' drones armati barra l-qafas ġuridiku internazzjonali; jappella għal darb'oħra lill-UE biex tiżviluppa b'mod urġenti qafas ġuridikament vinkolanti dwar l-użu ta' drones armati sabiex tiżgura li l-Istati Membri, f'konformità mal-obbligi ġuridiċi tagħhom, ma jwettqux qtil immirat illegali jew jiffaċilitaw tali qtil minn Stati oħra; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat sew dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-proġetti kollha ta' riċerka u żvilupp assoċjati mal-kostruzzjoni ta' drones; jitlob li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem rigward proġetti ulterjuri ta' żvilupp ta' drones;

36. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jespandu r-reġim tal-UE ta' miżuri restrittivi biex jinkludi reġim ta' sanzjonijiet tal-UE marbuta mad-drittijiet tal-bniedem li abbażi tiegħu id-deċiżjonijiet ta' sanzjonijiet tal-PESK ikunu jistgħu jiġu bbażati fuq ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, fl-istess spirtu tal-Att Magnitsky;

37. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien favur il-projbizzjoni internazzjonali tas-sistemi ta' armi li huma nieqsa mill-kontroll tal-bniedem fuq l-użu tal-forza, kif kien mitlub mill-Parlament f'għadd ta' okkażjonijiet, u, bi tħejjija għal-laqgħat rilevanti fil-livell tan-NU, jiżviluppaw u jadottaw b'urġenza pożizzjoni komuni dwar is-sistemi ta' armi awtonomi, u jitkellmu b'vuċi waħda u jaġixxu kif xieraq fil-fora rilevanti;

38. Jenfasizza li l-korruzzjoni timmina l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-kompetittività tal-ekonomiji, u tpoġġi f'riskju d-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-informaturi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob titjib għall-mekkaniżmi u l-prattiki kontra l-korruzzjoni, bħall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq dawk l-individwi u l-pajjiżi li jikkommettu reati serji ta' korruzzjoni; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni joħolqu programmazzjoni konġunta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, partikolarment inizjattivi dwar it-titjib tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-impunità u t-tisħiħ tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni, u jiżguraw trasparenza u traċċabbiltà akbar fl-użu tal-fondi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja dispożizzjonijiet għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet kummerċjali futuri; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem li saru fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2017 dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[2], u jitlob għal segwitu mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri;

39. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-qerda, is-sakkeġġi illeċiti u l-vandaliżmu ta' siti ta' patrimonju kulturali, u jappoġġa bis-sħiħ inizjattivi ta' ġbir ta' informazzjoni u ta' protezzjoni u salvataġġ tal-patrimonju;

40. Jenfasizza s-sinifikat ta' elezzjonijiet liberi u ġusti għall-proċessi demokratiċi u jinsab

[1] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 110.
[2] Testi adottati, P8_TA(2017)0346;

imħasseb dwar l-għadd dejjem jikber ta' elezzjonijiet illeġittimi madwar id-dinja; ifakkar li l-midja indipendenti u d-diversità tal-opinjoni huma essenzjali biex jiġu ggarantiti elezzjonijiet liberi u ġusti; jappella lill-UE ma tirrikonoxxix ir-riżultati ta elezzjonijiet imbagħbsa jew iffalsifikati u tuża l-għodod diplomatiċi, ekonomiċi u ta' politika kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-kredibbiltà tal-elezzjonijiet madwar id-dinja u ġġiegħel lill-pajjiżi jissodisfaw il-kriterji ta' elezzjonijiet liberi u ġusti; iqis li l-appoġġ li l-UE tipprovdi għal proċessi elettorali u d-demokrazija madwar id-dinja – il-missjonijiet elettorali tagħha u s-segwitu sussegwenti, l-assistenza elettorali tagħha u, b'mod partikolari, ir-rwol attiv tal-Parlament f'dan ir-rigward – huwa tal-akbar importanza; jenfasizza l-importanza tal-osservazzjoni elettorali fil-kuntest ta' tranżizzjonijiet demokratiċi paċifiċi, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-pluraliżmu politiku u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fi proċessi elettorali, u t-trasparenza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar fl-importanza tal-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali fil-proċess tal-osservazzjoni elettorali u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali; iqis li l-indħil fl-elezzjonijiet ta' pajjiżi oħra permezz ta' operazzjonijiet ċibernetiċi jikser id-dritt tal-poplu li jeleġġi b'mod liberu r-rappreżentanti tiegħu;

41. Jilqa' l-firma mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u jenfasizza l-ħtieġa tal-prevenzjoni u l-ġlieda b'kull mezz possibbli tal-vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-vjolenza domestika; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx u implimentawx din il-Konvenzjoni sabiex jagħmlu dan mill-aktar fis; jappoġġja, f'dan ir-rigward, l-Inizjattiva konġunta Spotlight tal-UE u n-NU; iħeġġeġ lill-pajjiżi jsaħħu l-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jindirizzaw, fl-istadju l-aktar kmieni possibbli, il-vjolenza sessista, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-vjolenza sesswali; ifakkar li l-vjolenza kontra n-nisa għandha għeruq profondi fl-inugwaljanza bejn il-ġeneri, u għalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod komprensiv, u jenfasizza l-importanza tas-servizzi u l-protezzjoni soċjali; jenfasizza li statistika affidabbli dwar il-prevalenza, il-kawżi u l-konsegwenzi tat-tipi kollha ta' vjolenza kontra n-nisa hija essenzjali sabiex jiġu żviluppati leġiżlazzjonijiet u strateġiji effettivi biex tiġi miġġielda l-vjolenza minħabba differenza ta' sess; jappella, għalhekk, lill-UE biex tgħin lill-pajjiżi jtejbu l-ġbir ta' data f'dan il-qasam u jissodisfaw l-obbligi legali internazzjonali; jitlob lill-UE taħdem ma' pajjiżi oħra biex iżżid il-finanzjament u l-ipprogrammar biex tipprevjeni u tirrispondi għall-vjolenza sesswali u l-vjolenza minħabba differenza ta' sess madwar id-dinja; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika u l-isfruttament, l-istupru tal-massa, it-traffikar u l-ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa; jenfasizza li l-kura tas-saħħa xierqa u affordabbli u r-rispett universali u l-aċċess għal drittijiet sesswali u riproduttivi u l-edukazzjoni sesswali għandhom ikunu ggarantiti għan-nisa kollha, u li n-nisa għandhom ikunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet liberi u responsabbli dwar saħħithom, ġisimhom u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom; jirrimarka li l-edukazzjoni hija strument essenzjali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal; jikkundanna l-impożizzjoni mill-ġdid tar-regola "global gag";

42. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tibqa' impenjata favur l-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-obbligi u l-impenji fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, magħmula fis-CEDAW, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u li tirrispetta l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom;

43. Ifakkar fil-pubblikazzjoni ta' Awwissu 2017 tal-ewwel Rapport ta' Implimentazzjoni Annwali għas-sena 2016 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II), li juri għadd ta' xejriet pożittivi fit-trasformazzjoni tal-ħajja ta' bniet u nisa billi tiġi żgurata l-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom, jiġu promossi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom u t-tisħiħ tal-vuċi u l-parteċipazzjoni tagħhom; jemmen li l-UE għandha tkompli tintegra l-appoġġ lin-nisa fl-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fir-rikostruzzjoni wara kunflitt; itenni l-importanza tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; jenfasizza li involviment akbar tas-settur pubbliku u privat huwa essenzjali għar-rispett tad-drittijiet tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-istituzzjonijiet pubbliċi u privati, fit-tfassil tal-politika, fil-ħajja ekonomika u fil-proċessi ta' paċi; jenfasizza li s-settur tan-negozju għandu rwol importanti fit-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun minn ta' quddiem fl-indirizzar tal-isfruttament u l-abbuż sesswali fis-setturi tal-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp, peress li dawn is-setturi għandu jkollhom l-ogħla standards ta' responsabbiltà u obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-ħidma tagħhom; jenfasizza l-importanza li jiġu rieżaminati u msaħħa l-proċeduri ta' salvagwardja u r-regoli tal-parteċipazzjoni;

44. Jistieden lis-SEAE jiżgura li l-eżiti tat-62 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) jiġu inklużi fil-politiki tiegħu u jipprovdu impetu ġdid biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fiż-żoni rurali;

45. Jenfasizza l-importanza li l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-suġġetti xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM), kif ukoll fl-istudji umanistiċi jkunu aċċessibbli għan-nisa u l-bniet, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tat-talenti u l-kompetenzi tagħhom u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-setturi STEM;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi u mezzi kif l-UE taderixxi b'mod unilaterali għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri kollha rratifikawha u li d-dritt primarju u sekondarju tal-UE jinkludi dispożizzjonijiet sostantivi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal; jistieden lill-pajjiżi li għadhom ma rratifikawx il-UNCRC biex jagħmlu dan b'mod urġenti; jilqa' l-adozzjoni tal-Linji Gwida riveduti tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li jintlaħqu t-tfal kollha, inkluż dawk l-aktar marġinalizzati u dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; jissottolinja l-fatt li t-tfal ħafna drabi huma esposti għal forom speċifiċi ta' abbuż, bħal żwieġ tat-tfal, prostituzzjoni ta' tfal, l-użu ta' tfal suldati, mutilazzjoni ġenitali, tħaddim tat-tfal u traffikar tat-tfal, speċjalment fi kriżijiet umanitarji u kunflitti armati, u għalhekk jirrikjedu protezzjoni msaħħa; jappella lill-UE tikkoopera ma' pajjiżi terzi sabiex jintemmu ż-żwiġijiet prekoċi, tat-tfal u furzati billi jiġi stabbilit li l-età ta' 18-il sena tkun l-età legali minima għal żwieġ, tintalab il-verifika tal-età taż-żewġ konjuġi u tal-kunsens sħiħ u liberu tagħhom, jiġu introdotti reġistri taż-żwieġ obbligatorji, u tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-regoli; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-involviment tal-UE f'dak li jirrigwardja l-indirizzar tal-protezzjoni tat-tfal, speċjalment minorenni mhux akkumpanjati, u biex tiġi ddedikata attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni u l-appoġġ psikosoċjali; jitlob l-implimentazzjoni xierqa tal-linji gwida għall-Protezzjoni tal-Iskejjel u l-Universitajiet minn Użu Militari waqt Kunflitt Armat; jitlob li tinstab soluzzjoni urġenti għall-kwistjoni tat-tfal apolidi fi ħdan l-UE u barra minnha, b'mod partikolari dawk li twieldu barra mill-pajjiż tal-oriġini tal-ġenituri tagħhom, kif ukoll

tfal migranti, f'konformità mad-dritt internazzjonali; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw pjan ta' azzjoni biex iwaqqfu d-detenzjoni ta' tfal bħala riżultat tal-istatus migratorju tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti; ifakkar fid-dritt għal protezzjoni speċjali fl-aħjar interessi tat-tfal;

47. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu trasparenza u monitoraġġ totali fir-rigward il-fondi allokati lil pajjiżi terzi għal kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, u jiżguraw li din il-kooperazzjoni ma tkunx ta' benefiċċju, la direttament u lanqas indirettament, għas-sistemi ta' sigurtà, tal-ġustizzja u tal-pulizija involuti fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'dan il-kuntest; jenfasizza l-possibbiltà li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi sseparata mill-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u l-ġestjoni tal-migrazzjoni; jinsab imħasseb dwar l-istrumentalizzazzjoni possibbli tal-politika estera tal-UE bħala "ġestjoni tal-migrazzjoni", u jenfasizza li t-tentattivi kollha għal ħidma ma' pajjiżi terzi, inkluż pajjiżi ta' oriġini u tranżitu, fir-rigward tal-migrazzjoni jridu jimxu id f'id mat-titjib tal-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn il-pajjiżi u l-konformità mad-dritt internazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt dwar ir-refuġjati; jesprimi t-tħassib profond u s-solidarjetà tiegħu mal-għadd kbir ta' refuġjati, migranti u persuna spostati f'pajjiżhom, li jsofru ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem bħala vittmi ta' kunflitti, persekuzzjoni, nuqqasijiet fil-governanza, u ta' netwerks ta' traffikar u faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi migratorji biex b'hekk tiġi indirizzata d-dimensjoni esterna tal-fenomenu tal-migrazzjoni, inkluż billi jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-kunflitti u s-sottożvilupp ekonomiku, fil-viċinat tagħna u madwar id-dinja, billi jiġu żviluppati kooperazzjoni u sħubijiet ma' pajjiżi terzi kkonċernati li jikkonformaw mad-dritt internazzjonali, jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tinżamm il-kredibilità tal-UE kemm fi ħdanha kif ukoll barra minnha; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu assistenza umanitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni, tas-saħħa u oqsma oħrajn li fihom l-migranti u r-refuġjati jeħtieġu appoġġ, u jimplimentaw adegwatament il-politiki ta' ritorn; jirrimarka li l-UE jeħtieġ li tinkoraġġixxi lill-pajjiżi kkonċernati jiffirmaw il-Protokoll kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru; jinnota li n-NU rreġistrat li fl-2017 madwar 258 miljun persuna jgħixu f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tat-twelid tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tittratta l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-migranti u r-refuġjati bħala prijorità fil-politiki tagħha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati u implimentati b'mod aħjar l-oqsfa ta' protezzjoni għall-migranti u r-refuġjati, b'mod partikolari permezz ta' rotot ta' migrant sikuri u legali u bl-għoti ta' viżi umanitarji; jitlob li l-Parlament jissorvelja l-ftehimiet dwar il-migrazzjoni; jiddispjaċih dwar kwalunkwe tentattiv li jfixkel, iħammeġ jew saħansitra jikkriminalizza l-assistenza umanitarja, u jinsisti dwar il-ħtieġa li jkun hemm kapaċitajiet akbar ta' tiftix u salvataġġ għal persuni li jinsabu f'diffikultà fuq il-baħar u fuq l-art sabiex jiġu ssodisfati l-obbli primarji tad-dritti internazzjonali; jissottolinja li fl-1 ta' Jannar 2017, l-għadd ta' persuni li jirrisjedu fi Stat Membru li għandhom ċittadinanza ta' pajjiż mhux membru kien ta' 21,6 miljun, li jirrappreżenta 4,2 % tal-popolazzjoni tal-UE-28; jistieden lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom fi djalogu serju biex jistabbilixxu fehim komuni u inklużiv, responsabilitajiet kondiviżi u unità fl-intenzjonijiet fir-rigward tal-migrazzjoni; jilqa' l-inizjattiva tan-NU dwar il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari, il-Patt Globali tal-UNHCR dwar ir-Refuġjati u r-rwol essenzjali li hija tat lid-drittijiet tal-bniedem f'dawn il-Patti;

48. Jiddeplora l-persistenza tat-traffikar ta' bnedmin; jissottolinja l-fatt li t-traffikar ta' bnedmin jittrasforma l-persuni f'oġġetti u jikkostitwixxi waħda mill-agħar forom ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' approċċ konsistenti għad-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki tal-UE intiżi biex jiġġieldu t-traffikar ta' bnedmin fil-livelli kollha; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jinvestigaw l-istadji kollha tat-traffikar tal-bnedmin, inkluż il-forom kollha ta' sfruttament ta' persuni, speċjalment in-nisa u t-tfal, bħat-traffikar tal-organi, ix-xogħol furzat u l-isfruttament sesswali, u jikkooperaw man-NU u mas-soċjetà ċivili f'dawn l-oqsma; jitlob li jkun hemm prinċipji u strument legali ċari li jindirizzaw l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-maternita' surrogata; jesprimi tħassib profond tiegħu għall-vulnerabbiltà estrema tal-migranti u tar-refuġjati, speċjalment in-nisa u t-tfal, għall-isfruttament, għat-traffikar u għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, inkluż fil-hotspots tal-migrazzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi politiki ffukati fuq il-vittmi, li jipprevjenu u jnaqqsu din it-tip ta' kriminalità, u li jittieħdu passi kontra l-profitti li jirriżultaw mit-traffikar ta' bnedmin;

49. Jinkoraġġixxi lill-pajjiżi kollha, inklużi l-Istati Membri, u lill-UE jinvolvu ruħhom fin-negozjati biex jadottaw strument internazzjonali ġuridikament vinkolanti għad-drittijiet tal-bnieden fir-rigward ta' korporazzjonijiet transnazzjonali u kumpaniji oħra, permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ stabbilit fi ħdan in-NU; jinsisti għal darb'oħra dwar il-ħtieġa ta' implimentazzjoni rapida tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs), b'mod partikolari fir-rigward tat-tielet pilastru dwar l-aċċess għal rimedju; jirrikonoxxi l-importanza kbira tal-Patt Globali tan-NU u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jenfasizza l-importanza ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef l-iżvilupp tiegħu bl-għan li tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNGPs; jinkoraġġixxi lill-kumpaniji kollha, inkluż il-kumpaniji bbażati fl-UE, jeżerċitaw id-diliġenza dovuta, u jafferma mill-ġdid l-importanza tal-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u li l-intrapriżi Ewropej jkollhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-istandards internazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-pajjiżi kollha jimplimentaw b'mod effikaċi u rapidu l-UNGPs u jiggarantixxu li n-negozji fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom jikkonformaw ma' standards tad-drittijiet tal-bniedem u normi soċjali dwar ix-xogħol; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi kollha jindirizzaw kumpaniji li jużaw materja prima jew komoditajiet oħra li joriġinaw minn żoni ta' kunflitti; itenni l-appell tiegħu għall-inklużjoni ta' regoli dwar responsabbiltà tal-kumpaniji għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi; jenfasizza li l-vittmi ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju għandhom jiġu ggarantiti aċċess xieraq u effettiv għal rimedji; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-korruzzjoni minn korporazzjonijiet meta dawn iseħħu u li jiġi żgurat li l-korporazzjonijiet ikunu jistgħu jinżammu responsabbli; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni skont l-appelli li saru fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar ir-responsabilità tal-kumpaniji għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[1]; jappella biex jittieħdu miżuri li jorbtu lill-industrija biex teqred it-tħaddim tat-tfal u tipprevjeni ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi task force interistituzzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u tesplora inizjattiva dwar l-obbligu ta' diliġenza fil-livell tal-UE;

[1] Testi adottati, P8_TA(2016)0405.

50. Ifakkar fl-impenn tal-UE li tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi; jenfasizza, għaldaqstant, li l-progress tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-klawżoli ta' kundizzjonalità marbuta mad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali, irid jiġi appoġġat fil-politiki kollha tal-UE b'dimensjoni esterna, inkluża l-politika kummerċjali; jenfasizza r-rwol li r-relazzjonijiet kummerċjali jista' jkollhom fit-trawwim tat-tkabbir fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u fil-preservazzjoni tas-swieq lokali tagħhom; jinnota li l-appoġġ għas-sistemi demokratiċi u l-aspirazzjonijiet għal-libertà tal-popli għandhom ikomplu jkunu prinċipji ta' gwida għall-interessi ekonomiċi tal-UE; ifakkar li l-koerenza tal-politika hija essenzjali għall-iżvilupp, u jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki kummerċjali u tal-iżvilupp fil-fażijiet kollha tagħhom; jappella lill-UE tiżgura li l-oġġetti ċċirkolati fit-territorju tagħha taħt skemi ta' ċertifikazzjoni etika ma jkunux ġejjin minn xogħol tat-tfal jew furzat; jappella għall-introduzzjoni ta' strument imfassal speċifikament għall-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-politika dwar il-ġeneru fil-ftehimiet kummerċjali; jilqa' l-programmi, il-proġetti u l-finanzjament tal-UE f'pajjiżi terzi, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat u evitat kwalunkwe ksur billi jinħoloq mekkaniżmu ta' lmenti għall-individwi u l-gruppi;

51. Iqis l-iskemi ta' kummerċ SĠP+ bħala wieħed mill-istrumenti ta' politika kummerċjali ewlenin tal-UE għall-promozzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-istandards ambjentali ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u timmonitorja aħjar skemi ta' SĠP+ sabiex jiġi żgurat li l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rrispettati minn pajjiżi benefiċjarji; jenfasizza li, fi ħdan il-qafas ta' SĠP+ rivedut, il-Kummissjoni għandha timmira li żżid it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' dan il-mekkaniżmu, tistabbilixxi proċeduri ċari għall-parteċipazzjoni sinifikanti u msaħħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u twettaq valutazzjonijiet tal-impatt effettivi dwar id-drittijiet tal-bniedem qabel ma tagħti preferenzi kumerċjali u waqt l-implimentazzjoni tagħhom; jappella għall-inklużjoni possibbli tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI fil-lista ta' konvenzjonijiet li huma meħtieġa għall-istatus SĠP+; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiffinanzja l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dawn l-iskemi; jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni ta' forom ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżi terzi, b'enfasi speċjali fuq il-ħtiġijiet tal-poplu tagħhom;

52. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirrispettaw b'mod strett il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi, u b'mod partikolari sabiex iwaqqfu t-trasferimenti kollha tal-armi, tat-tagħmir ta' sorveljanza u intelligence u materjal li jista' jintuża mill-gvernijiet fir-repressjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fl-attakki kontra persuni ċivili; jirrimarka li l-kummerċ globali tal-armi u materjali tal-gwerra jikkontribwixxi għall-użu tagħhom f'bosta kunflitti f'pajjiżi terzi; jinnota li l-Istati Membri tal-UE huma fost l-akbar esportaturi tal-armi fil-livell globali, u jqis li huwa essenzjali li l-istandards internazzjonali li jirregolaw il-bejgħ tal-armi jiġu infurzati u msaħħa fuq livell globali;

53. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, kasta jew sistemi simili tal-istatus inerenti, orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, id-diżabbiltà u kwalunkwe status ieħor; jinsab allarmat dwar il-ħafna manifestazzjonijiet ta' razziżmu, ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza u nuqqas ta' rappreżentanza politika għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, bħall-minoranzi

etniċi, lingwistiċi u reliġjużi, persuni b'diżabbiltà, il-komunità LGBTI, in-nisa u t-tfal; jitlob lill-UE ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex teqred, mingħajr distinzjoni, il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u biex tippromwovi s-sensibilizzazzjoni, kultura ta' tolleranza u inklużjoni, u protezzjoni speċjali għall-gruppi l-aktar vulnerabbli permezz ta' drittijiet tal-bniedem u djalogi politiċi, il-ħidma tad-delegazzjonijiet tal-UE u d-diplomazija pubblika; jistieden lill-pajjiżi kollha jiżguraw li l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom jipprovdu protezzjoni legali effettiva fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati strateġiji edukattivi fl-iskejjel sabiex titqajjem kuxjenza fost it-tfal u biex dawn jingħataw l-għodod li jeħtieġu biex jidentifikaw l-forom kollha ta' diskriminazzjoni;

54. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu integrati b'mod kredibbli l-prinċipju ta' aċċessibbiltà universali u d-drittijiet kollha ta' persuni b'diżabbiltà fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jissottolinja n-natura preskrittiva u orizzontali ta' din il-kwistjoni; jappella lill-UE tinkorpora l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' diżabilità fl-azzjoni esterna tagħha u fil-politiki dwar l-għajnuna għall-iżvilupp; jistieden lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi jirrieżaminaw il-leġiżlazzjoni kollha tagħhom bl-għan li jkun hemm armonizzazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD); jappella lill-pajjiżi kollha jirratifikaw is-CRPD u jtenni l-importanza tal-implimentazzjoni effiċjenti tagħha;

55. Jilqa' l-parteċipazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fit-tmien sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ, u b'mod partikolari s-sottomissjonijiet u d-dikjarazzjonijiet konġunti tagħhom dwar l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, il-vjolenza, l-abbuż u n-negliġenza fil-konfront ta' persuni anzjani; jibqa' mħasseb dwar il-prevalenza tax-xjuħija u ostakli oħra għall-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni anzjani; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġaw bis-sħiħ il-proċess tal-Grupp ta' Ħidma, inkluż billi jallokaw u/jew jappoġġaw l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' riżorsi adegwati għall-funzjonament tiegħu, kif ukoll billi jirrispondu għal sejħiet li jmiss għal sottomissjonijiet, jikkonsultaw u jinvolvu lill-persuni anzjani fit-tħejjija tas-sottomissjonijiet, u jinkludu persuni anzjani fid-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom;

56. Jilqa' l-parteċipazzjoni attiva tal-UE fil-laqgħa dwar ir-rieżami tal-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali għall-Ewropa tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ (MIPAA) li saret f'Lisbona fl-2017; jenfasizza li l-MIPAA tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-realizzazzjoni aħjar tad-drittijiet ta' persuni persuni anzjani;

57. Jikkundanna d-detenzjoni, it-tortura, il-persekuzzjoni u l-qtil arbitrarji tal-persuni LGBTI; jirrikonoxxi li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru jistgħu jżidu r-riskju tad-diskriminazzjoni, vjolenza u persekuzzjoni; jinnota li f'numru ta' pajjiżi madwar id-dinja, il-persuni LGBTI għadhom jaffaċċjaw persekuzzjoni u vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom; jikkundanna l-vjolazzjonijiet kontra n-nisa u gruppi ta' minoranza li huma fi ksur tad-dritt fundamentali għall-integrità fiżika u l-identità, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-mutilazzjonijiet ġenitali intersesswali; jinnota li 72 pajjiż għadhom jikkriminalizzaw relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess, u li fi 13 minn dawn il-pajjiżi dawn ir-relazzjonijiet huma meqjusa bħala reati kapitali; iħeġġeġ lil dawn l-istati jbiddlu immedjatament il-leġiżlazzjoni tagħhom; jilqa' l-isforzi tal-UE biex ittejjeb id-drittijiet u l-protezzjoni legali ta' persuni LGBTI; iħeġġeġ lid-

delegazzjonijiet tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ il-Linji Gwida tal-UE dwar l-LGBTI; jistieden lill-Kummissjoni twettaq rappurtar annwali dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill għal dan l-għan; jinnota li, skont il-valutazzjoni tal-ewwel sena tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016–2020 (GAP II), terz tad-delegazzjonijiet ippromwovew id-drittijiet ta' persuni LGBTI;

58. Jikkundanna l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem li jitwettaq kontra persuni li jsofru minħabba ġerarkiji tal-kasti u diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti, segregazzjoni u ostakli indotti mill-kasti, inkluż iċ-ċaħda tal-aċċess għall-impjiegi u s-sistema legali u drittijiet tal-bniedem bażiċi oħra; jinsab imħasseb bil-kbir dwar id-diskriminazzjoni istituzzjonalizzata sussegwenti u l-frekwenza allarmanti ta' attakki vjolenti bbażati fuq il-kasta; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi u jappoġġaw inizjattivi fil-livell tan-NU u ta' delegazzjoni biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta;

59. Jenfasizza l-importanza li jiġu segwiti politiki ta' ugwaljanza li jippermettu lill-minoranzi nazzjonali jew etniċi, reliġjużi u lingwistiċi kollha, kif ukoll popli indiġeni, igawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom; jilqa' r-Riżoluzzjoni 71/178 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni li pproklamat is-sena 2019 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Lingwi Indiġeni; ifakkar li skont ir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni, dawn l-aħħar snin raw żieda inkwetanti ta' diskriminazzjoni, attakki u theddid kontra popli indiġeni, u l-kriminalizzazzjoni u l-qtil ta' dawk li jiddefendu l-art, it-territorji u r-riżorsi tagħhom, u b'mod partikolari kontra n-nisa; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiżgura l-protezzjoni ta' dawn id-difensuri, u li kwalunkwe delitt jiġi investigat u l-awturi ta' dawn id-delitti jinżamm responsabbli; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod attiv favur ir-rikonoxximent, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni; jistieden lill-pajjiżi jirratifikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Nru 169 tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali;

60. Jinnota d-diversi benefiċċji li jipprovdi l-internet; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-ġbir bil-massa minn operaturi kummerċjali għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, tad-data personali tal-utenti, mingħajr l-għarfien u/jew il-kunsens sħiħ tagħhom, li tista' tintuża b'modi potenzjalment ta' ħsara, bħal pereżempju biex jitrażżnu l-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jimminaw il-libertà ta' espressjoni tagħhom, u jaffettwaw ir-riżultati elettorali u t-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi; jistieden lill-kumpaniji tad-data jwettqu valutazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; jiddeplora mudelli ta' negozji li huma bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jitlob li d-data personali tinġabar b'mod konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-komunità internazzjonali, inkluż l-UE u l-Istati Membri tagħha, isaħħu u jimplimentaw leġiżlazzjoni effikaċi f'dan il-qasam bħala kwistjoni ta' urġenza;

61. Jirrikonoxxi li t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni joħolqu theddid akut għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u b'hekk jagħmlu ħsara lis-soċjetà, u jiddispjaċih dwar il-fatt li l-attakki mwettqa fl-2017 ħafna drabi kellhom fil-mira tagħhom lill-individwi jew lill-gruppi li jħaddnu dawn il-valuri; jikkundanna bil-qawwa l-fatt li fl-2017 seħħew aktar minn 1 000 attakk terroristiku madwar id-dinja u rriżultaw għal madwar 6 123 telf ta' ħajjiet; jappoġġa l-isforzi tal-UE biex tipprevjeni u tiġġieled it-terroriżmu u r-

radikalizzazzjoni, inklużi l-inizjattivi u n-netwerks madwar l-UE, bħan-Netwerk dwar Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni, iżda jtenni li l-isforzi kollha jridu jikkonformaw mad-drittijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jirrimarka li l-edukazzjoni hija l-aħjar strument biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li l-vittmi tat-terroriżmu jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali, inkluż appoġġ psikoloġiku, valutazzjonijiet individwali għal kull vittma, appoġġ legali, aċċess għall-ġustizzja, servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni, u servizzi ta' appoġġ effettiv lill-vittmi b'mod ġenerali; jenfasizza l-ħtieġa li l-istrateġiji kontra t-terroriżmu jirrispettaw l-istat tad-dritt u jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet kontra t-terroriżmu jinkludu l-valutazzjoni bir-reqqa tar-riskji għal-libertajiet fundamentali u għad-drittijiet tal-bniedem, u salvagwardji f'każ ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-iskambju u l-koordinazzjoni ta' informazzjoni permezz tal-mezzi u l-aġenziji tagħha sabiex tipprevjeni, tidentifika u tressaq quddiem il-ġustizzja b'mod rapidu it-theddid terroristiku;

62. Ifakkar li s-sanzjonijiet huma strument essenzjali tal-PESK; iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta s-sanzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE kull meta jitqiesu neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi tal-PESK, b'mod partikolari bl-għan li jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem u tiġi konsolidata u appoġġata d-demokrazija, filwaqt li jkun żgurat li ma jkollhomx impatt fuq il-popolazzjoni ċivili; jitlob li dawn is-sanzjonijiet ikunu mmirati lejn uffiċjali identifikati bħala responsabbli mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem bl-għan li jkunu kkastigati għad-delitti u għall-abbuż li wettqu;

63. Huwa tal-fehma li l-isport jista' jkollu rwol pożittiv fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih dwar il-fatt, madankollu, li hemm korrelazzjoni speċifika bejn ċerti abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u avvenimenti sportivi kbar fil-pajjiżi li jospitaw tali avvenimenti jew li huma kandidati biex jospitawhom; ifakkar li dawn l-abbużi jinkludu l-iżgumbramenti, it-trażżin tal-ilħna tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u l-isfruttament tal-ħaddiema għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi kbar; jitlob lill-UE tiżviluppa qafas ta' politika fil-livell tal-Unjoni dwar l-isport u d-drittijiet tal-bniedem u biex tinvolvi l-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, l-atturi korporattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom f'tali avvenimenti; jistieden lill-korpi u lill-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali u nazzjonali u lill-pajjiżi ospitanti ta' avvenimenti kbar jimpenjaw ruħhom favur il-governanza tajba u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema, il-libertà tal-midja u l-protezzjoni ambjentali, biex jimplimentaw miżuri kontra l-korruzzjoni fit-tħejjija u matul l-avvenimenti sportivi kbar, u jipprovdu rimedji għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' d-deċiżjoni li ttieħdet f'Novembru 2017 mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li tagħlaq każ dwar it-trattament ta' ħaddiema migranti fi ħdan il-qafas tat-tħejjijiet għat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA tal-2022; jinnota l-ftehim ta' riformi li, jekk jiġi implimentat b'mod effikaċi, se jagħti protezzjoni aħjar lill-ħaddiema;

64. Iħeġġeġ lill-UE tintroduċi politiki effettivi u sostenibbli biex tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima; jenfasizza li t-tibdil fil-klima hija waħda mill-kawżi ewlenin taż-żieda fl-ispostament intern u l-migrazzjoni furzata; jistieden lill-komunità internazzjonali tiżviluppa miżuri li jiġġiedu kontra t-tibdil fil-klima u jipproteġu lil dawk affettwati; jinnota li l-politika barranija tal-UE għandha tiżviluppa kapaċitajiet biex tissorvelja

| **VIETNAM**<br><br>**Nguyen Van Hoa** | 22-year-old videographer and blogger Nguyen Van Hoa was initially arrested under Article 258 of the Vietnamese Penal Code and charged with 'abusing democratic freedoms to infringe upon the interests of the state';<br><br>April 2017, these charges were | In its resolution of 14 December 2017, the European Parliament:<br><br>- Condemns the sentencing of Nguyen Van Hoa to seven years in prison; underlines that Nguyen Van Hoa has exercised his right to freedom of expression; urges the Vietnamese authorities to release |

| | | |
|---|---|---|
| | upgraded to a violation of Article 88; whereas Article 88 of the Penal Code has been widely used against human rights defenders (HRDs) who have highlighted abuses in Vietnam.<br><br>On 27 November 2017, Nguyen Van Hoa was sentenced to seven years' imprisonment for having disseminated online information, including videos, on the environmental disaster in Ha Tinh Province that took place in April 2016, when Formosa Ha Tinh, a Taiwanese steel company, caused an illegal discharge of toxic industrial waste into the ocean, which had devastating environmental effects along 200 km of coastline, killing marine life and making people ill; | Nguyen Van Hoa immediately and unconditionally;<br><br>- Calls on the Vietnamese authorities to release all citizens detained for peacefully exercising their freedom of expression;<br><br>- Calls on the Vietnamese authorities to address the environmental disaster in the Ha Tinh Province, which caused mass fish deaths in the region and affected the lives of thousands of people, through legislative measures aimed at restoring and rehabilitating the local economy; |
| **ZAMBIA**<br><br>**Hakainde Hichilema** | 11 May 2017 marked one month since the incarceration of the UPND leader Hakainde Hichilema, who was arrested together with five of his employees by heavily armed police officers in a raid on his house on 11 April;<br><br>Hichilema was accused of endangering the President's life by allegedly obstructing the presidential motorcade in Mongu on 9 April 2017, and was immediately charged with treason, a non-bailable offence in Zambia, as well as with disobeying statutory duty, disobeying lawful orders and using insulting language; whereas he rejected all these allegations;<br><br>Hichilema's lawyers called the case baseless and requested that the Lusaka Magistrate Court drop the charges; whereas the Court upheld the charges on the ground that only the High Court was competent for treason cases;<br><br>Hichilema is currently held at the Lusaka Central Correctional Facility, where access to private media, lawyers, supporters and | In its resolution of 18 May 2017, the European Parliament:<br><br>- Expresses its concern at the arrest and incarceration of Hakainde Hichilema and insists on the need to ensure fairness, diligence and transparency at all times in the application of the law and all along the justice process; notes with concern reports of political motivation in relation to the charges, and therefore reminds the Zambian Government of its obligation to guarantee fundamental rights and the rule of law, including access to justice and the right to a fair trial, as provided for in the African Charter and in other international and regional human rights instruments;<br><br>- Calls on the Zambian authorities to conduct a prompt, impartial and thorough investigation into the alleged ill-treatment suffered by Hichilema during his detention and to hold those responsible to account; |

| | | |
|---|---|---|
| | friends is limited; whereas acts of degrading treatment under detention have been reported by Hichilema and his lawyers; | |
| **ZIMBABWE**<br><br>**Pastor Evan Mawarire and other cases of restriction of freedom of expression** | On 1 February 2017 Pastor Evan Mawarire was arrested at Harare airport on his return to Zimbabwe; whereas he was initially charged with 'subverting a constitutional government' under Section 22 of the Criminal Procedure Act, an offence which is punishable with imprisonment for up to 20 years; whereas on 2 February 2017 another charge was added, that of insulting the flag under Section 6 of the Flag of Zimbabwe Act; whereas Pastor Mawarire was only released on bail after having spent nine days in custody;<br><br>In a public statement, the Zimbabwean Human Rights Commission expressed deep concern about the brutality and violent conduct of the police, stating that the fundamental rights of demonstrators were violated, and called on the Zimbabwean authorities to investigate and bring the perpetrators to justice;<br><br>Itai Dzamara, a journalist and political activist, was abducted on 9 March 2015 by five unidentified men at a barbershop in Harare; whereas the High Court ordered the government to search for Dzamara and report on progress to the Court every fortnight until his whereabouts had been determined; whereas the fate of Mr Dzamara remains unknown; | In its resolution of 18 March 2017, the European Parliament:<br><br>- Deplores the arrest of Pastor Evan Mawarire; stresses that his release on bail is not sufficient and that the politically motivated charges against him must be completely withdrawn;<br><br>- Calls on the Zimbabwean authorities to ensure that the criminal justice system is not misused to target, harass or intimidate human rights defenders such as Pastor Evan Mawarire;<br><br>- Calls on the Zimbabwean authorities to ascertain Mr Dzamara's whereabouts and to ensure that those who are responsible for his abduction face justice; notes that expressing opinion in a non-violent way is a constitutional right for all Zimbabwean citizens and it is the obligation of the authorities to protect the rights of all citizens; |

# ANNEX II: LIST OF RESOLUTIONS

List of resolutions adopted by the European Parliament during the year 2017 and relating directly or indirectly to human rights violations in the world

| Country | Date of adoption in plenary | Title |
|---|---|---|
| ***Africa*** | | |
| Central African Republic + | 19.01.2017 | Central African Republic |
| Burundi + | 19.01.2017 | Situation in Burundi |
| DCR and Gabon * | 02.02.2017 | Rule of law crisis in the Democratic Republic of the Congo and in Gabon |
| Zimbabwe + | 16.03.2017 | Zimbabwe, the case of Pastor Evan Mawarire |
| South Sudan + | 18.05.2017 | South Sudan |
| Zambia + | 18.05.2017 | Zambia, particularly the case of Hakainde Hichilema |
| Ethiopia + | 18.05.2017 | Ethiopia, notably the case of Dr Merera Gudina |
| Kenya * | 18.05 2017 | Dadaab refugee camp |
| DRC * | 14.06.2017 | Situation in the Democratic Republic of the Congo |
| Eritrea + | 06.07.2017 | Eritrea, notably the cases of Abune Antonios and Dawit Isaak |
| Burundi + | 06.07.2017 | Burundi |
| Gabon + | 14.09.2017 | Gabon, repression of the opposition |
| Malawi + | 5.10.2017 | Situation of people with albinism in Malawi and other African countries |
| Madagascar + | 16.11.2017 | Madagascar |
| Sudan + | 16.11.2017 | Freedom of expression in Sudan, notably the case of Mohamed Zine al -Abidine |
| Somalia + | 16.11.2017 | Terrorist attacks in Somalia |
| ***Americas*** | | |
| Nicaragua + | 16.02.2017 | Situation of human rights and democracy in Nicaragua, the case of Francisca Ramirez |
| Guatemala + | 16.02.2017 | Guatemala, notably the situation of human |

| | | |
|---|---|---|
| | | rights defenders |
| Venezuela * | 27.04.2017 | Situation in Venezuela |
| El Salvador + | 14.12.2017 | The cases of women prosecuted for miscarriage |
| ***Asia*** | | |
| Indonesia + | 19.01.2017 | Indonesia, notably the cases of Hosea Yeimo, Ismael Alua and the Governor of Jakarta |
| Philippines + | 16.03.2017 | Philippines – the case of Senator Leila M. De Lima |
| Bangladesh + | 06.04.2017 | Bangladesh, including child marriages |
| South and South East Asia * | 13.06.2017 | Statelessness in South and South East Asia |
| Azerbaijan + | 15.06.2017 | The case of Afgan Mukhtarli and situation of media in Azerbaijan |
| Pakistan + | 15.06.2017 | Pakistan, notably the situation of human rights defenders and the death penalty |
| Indonesia + | 15.06.2017 | Human rights situation in Indonesia |
| China / Taiwan + | 06.07.2017 | The cases of Nobel laureate Liu Xiaobo and Lee Ming-che |
| Cambodia + | 14.09.2017 | Cambodia, notably the case of Kem Sokha |
| Laos + | 14.09.2017 | Laos, notably the cases of Somphone Phimmasone, Lod Thammavong and Soukane Chaithad |
| Myanmar + | 14.09.2017 | Myanmar, in particular the situation of Rohingyas |
| Maldives + | 5.10.2017 | Situation in Maldives |
| Vietnam + | 14.12.2017 | Freedom of expression in Vietnam, notably the case of Nguyen Van Hoa |
| Cambodia + | 14.12.2017 | Cambodia: notably the dissolution of CNRP Party |
| Afghanistan * | 14.12.2017 | Situation in Afghanistan |
| Myanmar * | 14.12.2017 | Situation of the Rohingya people |
| ***Europe*** | | |
| Ukraine + | 16.03.2017 | Ukrainian prisoners in Russia and the situation in Crimea |

| | | |
|---|---|---|
| Russia + | 06.04.2017 | Russia, the arrest of Alexei Navalny and other protestors |
| Belarus + | 06.04.2017 | Belarus |
| Ukraine + | 5.10.2017 | The cases of Crimean Tatar leaders Akhtem Chiygoz, Ilmi Umerov and the journalist Mykola Semena |
| ***Middle East*** | | |
| Kuwait and Bahrain + | 16.02.2017 | Executions in Kuwait and Bahrain |
| Middle East * | 18.05.2017 | Achieving the two-state solution in the Middle East |
| Syria * | 18.05.2017 | EU Strategy on Syria |
| Yemen * | 15.06.2017 | Humanitarian situation in Yemen |
| Yemen * | 30.11.2017 | Situation in Yemen |
| ***Cross-cutting issues*** | | |
| UNHRC sessions * | 16.03.2017 | EU priorities for the UN Human Rights Council sessions in 2017 |
| Gender equality * | 14.03.2017 | Equality between women and men in the EU in 2014-2015 |
| Gender equality * | 14.03.2017 | Equal treatment between men and women in the access to and supply of goods and services |
| Gender equality * | 14.03.2017 | EU funds for gender equality |
| Women * | 04.04.2017 | Women and their roles in rural areas |
| Migration * | 05.04.2017 | Addressing refugee and migrant movements: the role of EU external action |
| Business and human rights * | 27.04.2017 | EU flagship initiative on the garment sector |
| Vulnerable adults * | 01.06.2017 | Protection of vulnerable adults |
| Anti-Semitism * | 01.06.2017 | Combating anti-semitism |
| War crimes * | 04.07.2017 | Addressing human rights violations in the context of war crimes, and crimes against humanity, including genocide |
| Women * | 12.09.2017 | EU accession to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence |

| | | |
|---|---|---|
| Corruption and human rights * | 13.09.2017 | Corruption and human rights in third countries |
| Women * | 3.10.2017 | Women's economic empowerment in the private and public sectors in the EU |
| Civil society * | 3.10.2017 | Addressing shrinking civil society space in developing countries |
| Child marriage | 4.10.2017 | Ending child marriage |
| Prison systems and conditions * | 5.10.2017 | Prison systems and conditions |
| Roma * | 25.10.2017 | Fundamental rights aspects in Roma integration in the EU: fighting anti-Gypsyism |
| Women | 26.10.2017 | Combating sexual harassment and abuse in the EU |
| Children * | 14.12.2017 | Implementation of the directive on combating the sexual abuse and sexual exploitation of children and child pornography |

______________________________

+ - urgency resolution according to rule 135, EP RoP

* - resolutions with human rights-related issues

5.11.2018

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2017 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni
(2018/2098(INI))

Rapporteur għal opinjoni: José Inácio Faria

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi skont l-Artikolu 8 tat-TFUE l-UE hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet u l-politiki kollha tagħha; billi l-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tipprevedi l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politika kummerċjali u l-politika tar-relazzjonijiet barranin tal-UE;

B. billi l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet hija waħda mill-ksur l-aktar prevalenti tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, u tolqot il-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, l-edukazzjoni, l-introjtu, il-pożizzjoni soċjali jew il-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza, u tirrappreżenta ostaklu maġġuri biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi, fi żminijiet ta' kunflitti armati, in-nisa u t-tfal, inklużi n-nisa u t-tfal rifuġjati, huma fost l-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà;

C. billi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma msejsa fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u huma elementi essenzjali tad-dinjità tal-bniedem; billi, barra minn hekk, dawn id-drittijiet għadhom ma ġewx żgurati f'kull parti tad-dinja, inkluż f'partijiet mill-UE;

1. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UE, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) għall-Aġenda 2030, il-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II), tkompli ssegwi l-impenn tagħha lejn

soċjetajiet li qed jiżviluppaw ħielsa minn kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza, u tikkontribwixxi għal dinja ugwali bejn is-sessi, sikura, prospera u sostenibbli;

2. Ifakkar li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-UE u tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tat-TUE, u l-promozzjoni tagħha permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż f'pajjiżi oħra madwar id-dinja permezz ta' politiki esterni, hija wieħed mill-objettivi prinċipali tal-UE;

3. Ifakkar li l-GAP II huwa wieħed mill-għodod fundamentali tal-UE biex titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar it-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp[1] u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal (SWD(2015)0182) – L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020[2],

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tibqa' impenjata favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi u l-impenji għad-drittijiet tan-nisa, magħmula fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u li tirrispetta l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu garantiti l-libertà tal-ħsieb, tat-twemmin u tar-reliġjon, speċjalment għan-nisa in bona fide, li huma partikolarment vulnerabbli;

6. Josserva li l-qafas neoliberali fil-fatt jagħmel ħsara lill-iżvilupp sostenibbli u lid-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa, li huma parti mid-drittijiet tal-bniedem infushom;

7. Jenfasizza l-fatt li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija dritt fundamentali tal-bniedem u jissottolinja d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres li "hemm evidenza konvinċenti li l-investiment fin-nisa huwa l-aktar mod effettiv biex il-komunitajiet, il-kumpaniji u l-pajjiżi jimxu 'l quddiem. Il-parteċipazzjoni tan-nisa tagħmel il-ftehimiet ta' paċi aktar b'saħħithom, is-soċjetajiet aktar reżiljenti u l-ekonomiji aktar vigorużi";

8. Jesprimi tħassib, fl-istess ħin, dwar ir-reazzjonijiet negattivi kontinwi kontra d-drittijiet tan-nisa u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), kif ukoll dwar il-leġiżlazzjoni fundamentali f'ħafna partijiet tad-dinja li jirrestrinġu d-drittijiet tagħhom;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ggarantit aċċess universali għall-firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva li jkunu ta' kwalità u ekonomikament aċċessibbli, inkluż l-informazzjoni komprensiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u edukazzjoni dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, l-ippjanar tal-familja u metodi kontraċettivi moderni, l-abort sikur u legali, u l-kura rrakkomandata għal qabel u għal wara t-twelid għall-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal u l-mortalità materna; jissottolinja li l-enfasi fuq l-

[1] ĠU C 349, 17.10.2017, p. 50.
[2] Testi Adottati, P8_TA(2018)0239.

ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa hija espliċita fl-SDGs kollha u li għandhom isiru aktar sforzi biex jiġu realizzati d-drittijiet tan-nisa u implimentazzjoni effettiva tal-politiki li jippromwovu t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess deċiżjonali;

10. Jenfasizza l-importanza li l-aċċess għas-saħħa jitqies bħala dritt tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi miżuri biex jiġi żgurat li n-nisa jikkontrollaw b'mod ħieles ġisimhom u ħajjithom, ikollhom aċċess għall-ippjanar tal-familja, għal prodotti tal-iġjene femminili adegwati u jirċievu l-kura tat-twelid rakkomandata u biex tiġi evitata l-mortalità tat-tfal u l-mortalità materna; jenfasizza l-fatt li servizzi ta' abort sikur huma elementi importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nisa u li dawn jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' każijiet ta' twelid b'riskju għoli u titnaqqas il-mortalità tat-trabi u tat-tfal; jenfasizza l-importanza ta' aċċess għal servizzi adegwati tas-saħħa mentali sensittivi għall-ġeneru, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt;

11. Jikkundanna bil-qawwa l-introduzzjoni mill-ġdid u l-espansjoni tar-Regola "Global Gag" u l-impatt tagħha fuq is-saħħa u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet globalment; itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimlew il-lakuna ta' finanzjament dovuta għall-Istati Uniti bl-użu ta' finanzjament għall-iżvilupp kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE;

12. Iqis li huwa inaċċettabbli li l-iġsma tan-nisa u l-bniet, speċifikament fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tagħhom, għadhom battalja ideoloġika; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-drittijiet inaljenabbli tan-nisa u tal-bniet għall-integrità fiżika u l-possibbiltà li jiddeċiedu b'mod awtonomu f'dan l-ambitu, u jikkundanna l-ksur frekwenti tad-drittijiet tagħhom tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż it-tiċħid ta' aċċess għal servizzi tal-ippjanar tal-familja, għal kontraċettivi finanjarjament aċċessibbli u għal servizzi ta' abort sikur u legali;

13. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni tal-politiki li jsaħħu l-pożizzjoni tal-bniet u lin-nisa, jikkombattu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u li, fil-qafas tal-SDG 5 u l-inizjattiva 2018 "Nisa fuq ix-Xogħol" tal-ILO, jiffukaw fuq l-għoti ta' aċċess ugwali lin-nisa u lill-bniet għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell primarju u għoli, tagħlim tul il-ħajja, xogħol deċenti u paga ugwali, aċċess ugwali għal servizzi finanzjarji u rappreżentanza fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi;

14. Jinnota li l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa huma mmirati b'mod speċifiku u jbatu b'mod partikolari minħabba l-ispazju ċiviku li qed jiċkien; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tappoġġja politikament, tipproteġi dejjem aktar u żżid l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tan-nisa impenjati fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem (WHRDs) li jiffaċċjaw żieda fit-theddid u l-vjolenza u saħansitra ġew maqtula bħala riżultat dirett tal-attiviżmu tagħhom; iħeġġeġ lill-UE tqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni li għandhom id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, u l-Istati Membri kollha biex jirrispettaw id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;

15. Jistieden lis-SEAE jiżgura li l-eżiti tat-62 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-

Nisa (CSW) jiġu inklużi fil-politiki tiegħu u jipprovdu impetu ġdid biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fiż-żoni rurali;

16. Jenfasizza l-importanza li l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-suġġetti STEM kif ukoll fl-istudji umanistiċi jiġu magħmula aċċessibbli għan-nisa u l-bniet, b'enfasi partikolari fuq iż-żieda fit-talenti u l-kompetenzi tagħhom u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-setturi STEM;

17. Ifakkar li għandhom jiġu żviluppati miżuri xierqa fil-qafas tal-edukazzjoni sabiex jappoġġjaw programmi edukattivi ħielsa mill-isterjotipi, biex jinkludu l-parteċipazzjoni ċivika, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni ta' għarfien u komprensjoni interkulturali, sabiex l-istudenti jiġu ppreparati aħjar għaċ-ċittadinanza;

18. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, bħall-vjolenza domestika, il-fastidju psikoloġiku, l-isfruttament sesswali, it-traffikar tal-bnedmin u ż-żwiġijiet tat-tfal u sfurzati, li huma imposti fuq in-nisa u l-bniet fl-Ewropa u madwar id-dinja, bħala ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

19. Jilqa' l-isforzi konġunti u l-investimenti tal-UE, flimkien man-NU, fit-tnedija tal-Inizjattiva "Spotlight", li għandha l-għan li telimina l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, filwaqt li jtenni li l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet hija waħda mill-vjolazzjonijiet l-aktar mifruxa, persistenti u devastanti tad-drittijiet tal-bniedem; in-nisa u l-bniet madwar id-dinja jibqgħu l-aktar vulnerabbli għall-vjolenza sessista u l-vjolenza sesswali, il-fastidju sesswali, l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, abbużi li jinkludu wkoll id-diskriminazzjoni politika u ekonomika, il-vjolenza domestika, il-fastidju morali, l-isfruttament sesswali, ir-reati tal-unur, it-traffikar tal-bnedmin, iż-żwieġ tat-tfal u ż-żwieġ sfurzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-istupru bħala arma tal-gwerra; jikkundanna, għalhekk, il forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet; jitlob, barra minn hekk, meta jitqies li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fl-2017 stima li mill-inqas 500 000 mara li jgħixu fl-UE ġew soġġetti għall-mutilazzjoni ġenitali femminili u li 180 000 tifla u mara oħra għadhom fir-riskju, li l-UE u l-Istati Membri jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili madwar id-dinja u fl-UE;

20. Jiddispjaċih ħafna li, skont studju tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-GAP II, il-programmazzjoni attwali jidher li ma tagħtix importanza lid-dimensjoni tal-ġeneri f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kunflitti diffiċli; jiddispjaċih li, fost eżiti oħra, dan fisser li l-bniet u n-nisa li huma vittmi ta' stupru bħala arma tal-gwerra ma għandhomx aċċess għall-kura mhux diskriminatorja, speċifikament għall-kura medika komprensiva, inkluż l-abort, minkejja l-GAP II li għandha l-għan li tagħti s-setgħa lin-nisa biex ikollhom kontroll fuq il-ħajja sesswali u riproduttiva tagħhom;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw it-traffikar tal-bniedem b'mod effettiv u effiċjenti; jirrimarka li, kif muri minn għadd ta' studji, il-maġġoranza tal-persuni traffikati huma nisa u bniet li, ladarba jkunu laħqu x-xtut tal-Ewropa, jiġu mġiegħla jsiru prostituti fl-Istati Membri;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħtu attenzjoni speċjali lir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet fil-ftehimiet kummerċjali u ta' sħubija kollha ma' pajjiżi terzi;

23. Jissottolinja l-fatt li l-fastidju morali u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huma wkoll ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-UE jħaffu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti li jfittex li jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra n-nisa, fil-partijiet kollha tagħha, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-azzjoni interna u esterna tal-UE f'dan il-qasam; jappella għar-rispett sħiħ tal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jissottolinja l-fatt li d-differenzi reliġjużi, kulturali u tradizzjonali, jew kwalunkwe ċirkostanza oħra, ma jistgħu bl-ebda mod jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni jew kwalunkwe forma ta' vjolenza;

25. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni partikolari tan-nisa li jiffaċċjaw forom multipli ta' diskriminazzjoni bħal dawk ibbażati fuq l-identità tal-ġeneru, ir-razza, il-klassi, l-abbiltà u d-diżabbiltà jew l-istatus ta' migrazzjoni; jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jfasslu u jevalwaw il-politiki barranin kemm minn perspettiva sensittiva għall-ġeneru kif ukoll minn perspettiva intersezzjonali;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jeliminaw kull forma ta' vjolenza sessista, inklużi ż-żwieġ tat-tfal, iż-żwieġ bikri u dak sfurzat, il-ġeneruċidju, l-isterilizzazzjoni furzata u l-istupru fiż-żwieġ;

27. Jenfasizza li l-UE hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha, li hija obbligu stabbilit fit-Trattati, sabiex l-ugwaljanza bejn is-sessi ssir prijorità ewlenija fil-linji gwida, fir-relazzjonijiet ta' ħidma, fil-politiki u fl-azzjonijiet kollha tal-UE, inklużi l-azzjonijiet esterni; jappoġġja, għaldaqstant, l-isforzi kkoordinati relatati mad-djalogi multilaterali u l-attivitajiet tad-delegazzjonijiet tal-UE bħall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ħidma tal-Konsulent Prinċipali dwar il-Ġeneri tas-SEAS fil-pajjiżi terzi, bl-għan li tippromwovi l-paċi, is-sigurtà u l-libertajiet fundamentali, billi tiżgura baġit speċifikament iddedikat għall-qasam tal-kompetenzi tagħha;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitolu dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi u klawsoli li jistiednu lil dawk il-pajjiżi jirratifikaw u jimplimentaw is-27 konvenzjonijiet internazzjonali – dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba – elenkati fl-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP) u GSP+; jissottolinja l-fatt li huwa kruċjali li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata, li tittieħed azzjoni meta jkun meħtieġ u li tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza li s-CEDAW hija waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti taħt il-GSP+;

29. Jiddispjaċih li skont l-istatistika tal-2016, 21,9 % biss tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE huma nisa[1]; jiddispjaċih li waħda biss mit-tmien Rappreżentanti Speċjali tal-UE hija mara; jiddispjaċih li n-nisa jikkostitwixxu biss madwar 25 % tal-persunal fil-missjonijiet ċivili tal-PSDK; jiddispjaċih dwar il-fatt li m'hemm l-ebda statistika komprensiva disponibbli rigward il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK;

[1] "EEAS Human Resources Report 2017", ippubblikat fis-16 ta' Mejju 2018.

30. Jinnota li se jkun meħtieġ finanzjament adegwat għall-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni sabiex isostni l-impenn politiku għal dan il-għan; jenfasizza li l-finanzjament kurrenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-azzjonijiet tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa għadu inadegwat u jħeġġeġ biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata fil-QFP li jmiss;

31. Jilqa' l-approċċ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fl-attivitajiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE u jissottolinja l-importanza li jingħata taħriġ adegwat sensittiv għall-ġeneru lill-professjonisti fil-kura medika u lill-ħaddiema tal-għajnuna umanitarja, inklużi dawk li jaħdmu fl-assistenza ta' emerġenza;

32. Jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi n-nisa, iż-żgħażagħ u l-persuni LGBTQI fi proċessi ta' paċi u rikonċiljazzjoni, u r-rwol importanti li jista' jkollhom l-arti u d-djalogu interkulturali f'dan ir-rigward kif indikat fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà intitolata "Towards an EU strategy for international cultural relations ("Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali") (JOIN (2016)0029);

33. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa romol ta' kull età f'żoni ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt, b'mod partikolari l-ħtieġa tagħhom għal appoġġ finanzjarju u psikoloġiku, u jirrikonoxxi r-rwol prominenti li għandu jkollhom fil-proċessi ta' paċi u rikonċiljazzjoni;

34. Jenfasizza li d-differenzi reliġjużi, kulturali u tradizzjonali ma jistgħu bl-ebda mod jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni jew kwalunkwe forma ta' vjolenza; jappoġġja l-inizjattiva tal-UE "Preventing Violent Extremism: A Gender Sensitive Approach" ("Nipprevjenu l-Estremiżmu Vjolenti: Approċċ Sensittiv għall-Ġeneru") u jħeġġeġ favur il-promozzjoni ta' proġetti sensittivi għall-ġeneru li jsaħħu r-rwoli tan-nisa u l-bniet fil-bini tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-terroriżmu u r-rispons umanitarju;

35. Iħeġġeġ lis-SEAE jippromwovi r-rwol tan-nisa fil-prevenzjoni tat-terroriżmu; jinnota li, kif muri minn għadd ta' studji, in-nisa, bħala ommijiet, għandhom il-potenzjal, permezz ta' djalogu kontinwu u r-rabta emozzjonali fundamentali li għandhom ma' wliedhom, li jbegħduhom minn forom ta' radikalizzazzjoni li jistgħu jkunu soġġetti għalihom u jipproteġuhom mir-riskju ta' subordinazzjoni mentali minn gruppi estremisti varji; jenfasizza li n-nisa, preċiżament minħabba li huma punt ta' kuntatt bejn il-komunità u l-familja tagħhom, jista' jkollhom ir-rwol ta' "gwardjani" billi jipprovdu informazzjoni kruċjali li tista' tippromwovi intervent mhux vjolenti għall-prevenzjoni ta' atti possibbli ta' terroriżmu;

36. Iħeġġeġ lill-UE tiġġieled il-vjolenza sessista fl-attivitajiet tagħha ma' pajjiżi terzi u fl-Istati Membri tagħha, fl-aħjar abilitajiet tagħha u bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli;

37. Jikkundanna l-atroċitajiet ipprattikati fuq persuni spustati bħar-rifuġjati, il-migranti u l-persuni li jfittxu asil, speċjalment in-nisa u l-bniet; jikkundanna l-fatt li f'xi pajjiżi terzi l-omosesswalità għadha reat; jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza fuq persuni LGBTQI; Jikkundanna s-sitwazzjoni attwali fejn, biex ifittxu asil fl-UE, in-nisa u l-persuni LGBTQI jqiegħdu lilhom infushom f'riskju serju ta' vjolenza sesswali u sessista matul ir-rotot u fiċ-ċentri ta' akkoljenza; jissottolinja l-fatt li n-nisa, il-bniet u l-

persuni LGBTQI li jallegaw biża' ġġustifikat tajjeb ta' persekuzzjoni bbażata fuq il-ġeneru jeħtieġ li jkunu jistgħu b'mod sikur jitolbu viża għal raġunijiet umanitarji; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-migranti nisa, ir-rifuġjati nisa u n-nisa li jfittxu asil, billi jipprovdu pariri legali, aċċess għas-saħħa, spazji sikuri għan-nisa u t-tfal u l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inklużi aborti sikuri;

38. Jenfasizza li l-fatt li l-forom tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, fosthsom, imma mhux biss, l-istupru u l-vjolenza sesswali, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ sfurzat, il-vjolenza domestika, l-hekk imsejħa reati tal-unur u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru ttollerati mill-istat, jikkostitwixxu persekuzzjoni u għandhom ikunu raġunijiet validi biex jintalbu asil jew protezzjoni umanitarja u għaldaqstant għandhom ikunu riflessi fl-istrument il-ġdid; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tirrikonoxxi l-persekuzzjoni bbażata fuq il-ġeneru bħala raġuni valida biex tintalab protezzjoni internazzjonali kif ukoll biex tiġi żgurata l-inklużjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-fażijiet kollha tal-proċedura ta' asil permezz tal-konformità mal-Linji Gwida tal-2002 tal-UNHCR dwar il-Protezzjoni Internazzjonali: il-Persekuzzjoni Relatata mal-Ġeneru;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-użu ta' approċċi sensittivi għall-ġeneru biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċjali tan-nisa u l-bniet li huma fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, b'enfasi partikolari fuq l-għoti ta' assistenza lill-bniet u lin-nisa vittmi ta' vjolenza sessista fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u tul ir-rotot ta' migrazzjoni;

40. Jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza fuq persuni LGBTQI; jistieden lis-SEAE jqajjem u jippromwovi kuxjenza globali dwar id-drittijiet LGBTQI permezz ta' azzjonijiet esterni tal-UE, sabiex tintemm id-diskriminazzjoni li huma jiffaċċjaw ta' kuljum skont il-Linji Gwida tiegħu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet kollha tal-bniedem minn persuni LGBTQI;

41. Jikkundanna l-fatt li n-nisa f'xi pajjiżi għad għandhom aċċess limitat għall-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u għalhekk huma mċaħħda mid-drittijiet bażiċi taċ-ċittadini tagħhom.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.10.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 5<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Maria Arena, Beatriz Becerra Basterrechea, Heinz K. Becker, Vilija Blinkevičiūtė, Arne Gericke, Anna Hedh, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Florent Marcellesi, Barbara Matera, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Marijana Petir, Pina Picierno, João Pimenta Lopes, Liliana Rodrigues, Ernest Urtasun, Ángela Vallina, Anna Záborská, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | José Inácio Faria, Eleonora Forenza, Jordi Solé, Julie Ward |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 18 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea, Angelika Mlinar |
| EFDD | Daniela Aiuto |
| GUE/NGL | Eleonora Forenza, Ángela Vallina |
| PPE | José Inácio Faria, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Barbara Matera |
| S&D | Maria Arena, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Hedh, Maria Noichl, Pina Picierno, Liliana Rodrigues, Julie Ward |
| VERTS/ALE | Florent Marcellesi, Jordi Solé, Ernest Urtasun |

| 5 | - |
|---|---|
| ECR | Arne Gericke, Jana Žitňanská |
| PPE | Heinz K. Becker, Marijana Petir, Anna Záborská |

| 1 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | João Pimenta Lopes |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 12.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 6<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Michèle Alliot-Marie, Petras Auštrevičius, Bas Belder, James Carver, Lorenzo Cesa, Aymeric Chauprade, Javier Couso Permuy, Arnaud Danjean, Georgios Epitideios, Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Michael Gahler, Tunne Kelam, Wajid Khan, Eduard Kukan, Arne Lietz, Barbara Lochbihler, Sabine Lösing, Andrejs Mamikins, Ramona Nicole Mănescu, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Clare Moody, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Julia Pitera, Cristian Dan Preda, Jozo Radoš, Michel Reimon, Jean-Luc Schaffhauser, Anders Sellström, Alyn Smith, Jordi Solé, Dobromir Sośnierz, Jaromír Štětina, Charles Tannock, Miguel Urbán Crespo, Ivo Vajgl |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrea Bocskor, Neena Gill, Rebecca Harms, Marek Jurek, Juan Fernando López Aguilar, Antonio López-Istúriz White, Urmas Paet, Bodil Valero, Mirja Vehkaperä, Marie-Christine Vergiat |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eleonora Evi, Rupert Matthews, Miroslav Mikolášik, Liliana Rodrigues, Flavio Zanonato |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 41 | + |
|---|---|
| ALDE | Petras Auštrevičius, Urmas Paet, Jozo Radoš, Ivo Vajgl, Mirja Vehkaperä |
| EFDD | Aymeric Chauprade, Eleonora Evi |
| PPE | Michèle Alliot-Marie, Lorenzo Cesa, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Tunne Kelam, Eduard Kukan, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Ramona Nicole Mănescu, Francisco José Millán Mon, Alojz Peterle, Julia Pitera, Cristian Dan Preda, Anders Sellström, Jaromír Štětina |
| S&D | Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Neena Gill, Wajid Khan, Arne Lietz, Juan Fernando López Aguilar, Andrejs Mamikins, Clare Moody, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Liliana Rodrigues, Flavio Zanonato |
| VERTS/ALE | Rebecca Harms, Barbara Lochbihler, Michel Reimon, Alyn Smith, Jordi Solé, Bodil Valero |

| 6 | - |
|---|---|
| ECR | Bas Belder, Marek Jurek |
| ENF | Jean-Luc Schaffhauser |
| NI | James Carver, Georgios Epitideios, Dobromir Sośnierz |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Rupert Matthews, Charles Tannock |
| GUE/NGL | Javier Couso Permuy, Sabine Lösing, Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat |
| PPE | Andrea Bocskor, Miroslav Mikolášik |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni